**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 599/2015*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**-vs-**

**Robert Sant, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 568763M;**

**Omissis;**

**Etienne Bartolo detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 227778M fil-kapaċita` tiegħu personali, iżda anke fil-kapaċita` tiegħu bħala direttur u/jew rappreżentant tal-kumpanija B&B Construction Limited (C5418);**

**Pierre Farrugia, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 27970M;**

**Angelus sive Angelo Bartolo, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 140453M fil-kapaċita` tiegħu personali kif ukoll fil-kapacita`tieghu bħala direttur u/jew rappreżentant tal-kumpanija B&B Construction Limited (C5418);**

**Omissis 1;**

**Omissis 2; u**

**Omissis 3.**

**Illum:** 4 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi miġjuba fil-konfront tal-imputati Robert Sant, Omissis, Etienne Bartolo, Pierre Farrugia, Angelus sive Angelo Bartolo, Omissis 1, Omissis 2 u Omissis 3, u cioe` talli:

> F'dawn il-Gżejjer ġewwa s-Seabank Hotel, Mtarfa Road, Mellieħa, nhar is-06 ta' Marzu, 2012, għall-ħabta tal-10:40 ta' filgħodu, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw il-mewt ta' Maksims Artamonovs detentur tal-Passaport Latvjan bin-numru LV3209539 u mwieled fis-16 ta' Novembru 1984.
>
> F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputati Angelus Bartolo, Etienne Bartolo u Omissis 3 bħala recedivi u dan wara li ngħataw diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali[1] permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- Fl-Artikoli 225(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Angelus sive Angelo Bartolo u Etienne Bartolo biss:

- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati m'ghandhom l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mill-imputati.

---

[1] Fol.642

Ikkunsidrat,

**Punti Preliminari**

Il-Qorti ser tibda biex tiddeciedi l-eccezzjonijiet mqajjma mill-imputati, senjatament mill-imputat Perit Pierre Farrugia nhar il-11 t'April, 2019,[2] u cioe` li tigi dikjarata bhala inammissibbli kull xhieda u dikjarazzjoni maghmula mill-istess Perit Farrugia lil Prof. Alexander Torpiano fil-kors tal-inkjesta magisterjali peress li dawn inghataw *"minghajr ma kien moghti d-dritt ta' assistenza ta' avukat"*, u konsegwentement l-osservazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet milhuqa mill-Perit Torpiano msejjsa fuq xhieda tal-Perit Farrugia jigu dikjarati inammissibbli.

Madanakollu jigi sottolinejat li fin-nota ta' sottomissjonijiet maghmula mill-Perit Farrugia, il-Qorti giet mitluba tiehu in konsiderazzjoni dak li l-imputat jiddefinixxi bhala rizultanzi teknici li wasal ghalihom il-Prof. Torpiano.

Jibda biex jintqal li kwalunkwe rizultanza li wassal ghaliha l-Prof. Torpiano kienet konsegwenza ta' accertamenti, analizi u verifiki maghmula minnu *inter alia* fuq <u>informazzjoni nkluz permezz ta' dokumentazzjoni li giet mghoddija lilu mix-xhieda mismugha fil-kors tal-inkjesta magisterjali</u>. Ghalhekk hemm nuqqas ta' konsistenza da parti tal-istess imputat Perit Farrugia fejn qabel ma saret it-trattazzjoni finali ressaq l-eccezzjoni msemmija izda tlett xhur wara, u cioe` fiz-zmien <u>meta l-kawza kienet differita ghas-sentenza w minghajr id-debita awtorizazzjoni ghall-istess</u>, intavola nota ta' sottomissjonijiet li fihom issir riferenza propju ghall-konkluzzjonijiet li, teknici kemm huma teknici, l-Prof. Torpiano wasal ghalihom wara li ttiehdet ix-xhieda ta' diversi persuni

[2] Vide fol.1419-1420 u trattazzjoni orali tal-imputati Bartolo

fosthom l-imputat Perit Farrugia nnifsu w abbazi tal-informazzjoni li dan pprezenta fil-kors tal-istess xhieda.

a). Jibda biex jinghad li l-Perit Farrugia xehed quddiem l-esperti tal-Qorti f'numru ta' okkazzjonijiet. Fl-ebda minn dawn l-okkazzjonijiet ma kien detenut ghal xi hin u ghalhekk kien liberu li jitlob assistenza legali f'kull waqt li deherlu xieraq kif ukoll u aktar importanti li jieqaf iwiegeb ghad-domandi li bdew isirulu jekk hass li b'xi risposta seta' jinkrimina lilu nnifsu.

b). L-ewwel darba li xehed bil-gurament kien l-ghada tas-sinistru, fis-7 ta' Marzu, 2012, meta kif jirrizulta mill-verbal ta' dakinhar, inghata d-dritt li jikkonsulta ma avukat, liema dritt huwa rrifjuta, kif ukoll id-dritt li ma jwiegeb ghall-ebda domanda li ssirlu jekk b'dan ihoss li jista' jitfa' xi htija fuqu.[3] Minflok izda ghadda biex jixhed u minn jeddu esebixxa dokumentazzjoni w korrispondenza bil-kalkoli: "*Jien kont gejt imqabbad mill-kuntrattur B&B sabiex niddisinja l-istruttura tal-parti l-gdida tal-lukanda...il-kuntrattur kellu l-appalt ta' Design & Build. Jien kont ippreparajt il-kalkoli tad-disinn ....ma kontx inkarigat naghmel supervizjoni...qed nesebixxi l-kalkoli tal-area partikolari....Il-pedamenti kont iddisinjajthom jien....kont ippreparajt Skematics tal-elementi strutturali principali bin-notamenti fuq id-dettall. Id-dokumentazzjoni kollha fuq din l-istruttura tinsab f'Dok.PF...ma kontx tajt method statement lill-kuntrattur dwar kif kellha tinbena din l-istruttura. Jien ma kontx issorveljajt il-kostruzzjoni u ghalhekk ma nistax nikkonferma jekk dak li nbena sarx skond id-disinn tieghi. Id-disinn tieghi jien kont tajtu lill-kuntrattur biss....sa fejn naf jien il-kuntrattur kien kapaci jifhem il-kalkoli u l-istruzzjoni li jien tajtu.....*".[4]

[3] Fol.284 tal-PV
[4] Fol.285-286 tal-PV

c). Gie riprodott fid-9 ta' Marzu, 2012, meta altru li rega' kellu zmien sufficjenti sabiex jikkonsulta ma avukat kemm il-darba dehrlu li dan kien opportun u tenut kont li bejn l-ewwel darba li taha x-xhieda tieghu w id-9 ta' Marzu, 2012, ma kien fl-ebda hin mizmum arrestat u liberu li jiehu kwalunkwe parir legali li derherlu opportun. Ghalkemm ma jirrizultax li rega' inghata l-*caution*, f'din l-okkazzjoni esebixxa minn jeddu l-*email* (**Dok.PF1** datata 5 ta' Dicembru, 2011) li kien baghat lir-Reuben Gatt u lil Etienne Bartolo bil-kalkoli tieghu.[5] Sahaq li *"F'dik l-email hemm attachments ta' l-informazzjoni tal-hadid tas-saqaf ta' fuq il-carpark u sa nipprezenta l-verzjoni elettronika l-email bil-kontenut taghha".* [6] **Kopja ta' din l-*email* (tal-5 ta' Dicembru, 2011) rega' ghamel riferenza ghaliha u rega' esebiha meta xehed quddiem il-Qorti debitament assistit (Dok. PF2 a fol. 859-902!**

d). Gie riprodott ghal darb'ohra fl-14 ta' Marzu, 2012, u qal: *"Kif ippromettejt fis-seduta precedenti, jien qieghed nesebixxi CD li fih il-korrispondenza elettronika bejni u bejn il-B&B Contractors …u fiha l-istruzzjoni dwar ir-rinfors tal-hadid".*[7] Kif intqal meta xehed quddiem il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 2018, esebixxa formalment il-*laptop* kontenenti l-imsemmija informazzjoni – **Dok. PFLT**[8] - filwaqt li rega' ghamel riferenza ghal din l-*email* u senjatament ghall-istruzzjonijiet kif kien baghathom lil kuntrattur meta anke esebixxa kopja tal-istess *emails*.[9]

***"Dr. Giannella De Marco:***

*Jew id-dissinji tieghek, il-kalkoli tieghek, kif wasalt ghalihom u kif kont tasal ghalihom, u kif kont tikkomunikhom jekk jghogbok. ....U lill min*

---

[5] **Dok. PF1** formanti parti minn **Dok.PFet** anness mar-relazzjoni tal-Perit Aquilina fil-PV
[6] Fol.304 tal-PV
[7] Fol.309 tal-PV
[8] Fol.729
[9] **Dok. PF2, Dok. PF3, Dok. PF4** Fol. 838

.......

***Ix- Xhud:***

*Jiena kont nikkomunikahom lill- perit Reuben Gatt...... f' dan il- kaz jiena din l- informazzjoni kont iddiskutejta u ghaddejtha lill- kuntrattur billi kien hemm drawings illi ntbaghtu by email. Pero l-email, ma kinietx biss, pero jien kont segwejtha ukoll anke b' meetings u kont naccerta ruhi illi l-kuntrattur ikun fehem dik l- informazzjoni.*

***Dr. Giannella De Marco:***

*Mela inti lill- min baghatt l- email, u lill- min ikkupjajtha?*

***Ix- Xhud:***

*Mela, jiena baghtta lill–perit Reuben Gatt, u kkupjajtha, ikkupjajt lill general manager ta' B & B construction. ........il-perit Reuben Gatt, huwa perit t' esperjenza u , werini mill mod ta' kif kien jikkomunika mieghi, u kif kien isaqsi l-informazzjoni strutturali, fejn kien ikollu diffikulta, nerga nghid dejjem kien isaqsi, u specifikament, nahseb importanti, din hija importanti, jiena lill- perit Reuben Gatt kont spjegajtlu kif dan is-saqaf kellu jaqbad fuq il- kolonni. Fil-fatt ghandi email ghall-wahda tnjen li huma minghand il- perit Reuben Gatt stess fejn fihom dan annessa, annessa l-informazzjoni li jien, jiena kont tajtu li ghandha x taqsam mal- qabda tas-saqaf fuq il- kolonna u din kien baghat, wara li konna ltqajna fl- ufficju tal- B & B construction, ghax kif ghidt qabel konn naghmlu diversi meetings ghand il- B & B construction, kont tlabtu biex jghamilli scan ta dawn, dawn id-diskussjonijiet u x' jirrizulta minnhom u jiena kont bghatthom, hu kien bghattomli by email wara li keinu skenjawhom. Filfatt, kien, l-istess informazzjoni imbaghad, kien rega bghatili it- tieni darba wara illi kien gara l- incident u kien ser jerga jinbena l-istess saqaf fejn fiha ikkonferma illi l-email illi, coe il-kontenut tal- email kien xi haga li kont preparajt jien fl- ufficju tieghu.*[10] *......*

***Ix- Xhud:***

*Importanti ukoll. Meta nitkellmu ghall- parti fejn waqghet, jekk wiehed jirreferi forsi a fol.* ***PF 2****......A fol* ***PF 2****. Ezattament Iva*

***Il- Qorti:***

***Inti bghatt lir- Reuben hawnhekk fil-hamsa ta' Dicembru 2011***

***Ix- Xhud:***

*Iva*

***Il- Qorti:***

*Please find ... reinforcement drawings and bar bending schedules for night club area.*

***Ix- Xhud:***

*Iva*

---

[10] Fol.795-797

***Il- Qorti:***

*<u>u hawnhekk ghandek id-diversi indikazzjonijiet li ghandu jsegwi</u>*

***Ix- Xhud:***

*<u>Ezattament</u>. Igifieri jekk wiehed, igifieri issa minn dak li jirrizulta anke mix-xhieda, kien hemm zewg fatturi. Wahda kienet il-kolonna tat- tarf li kellha x' taqsam mal-qabda u l-fatt illi ma kienx hemm il-hadid li jiena specifikajt fil- wicc tas-saqaf. Issa jiena nixtieq nelabora ftit, ghaliex, ghax **meta wiehed jara il- drawings illi hemm annessi mad- dokument PF 2,** fuqha, dawk li jidru bl- ahmar, huma il- vireg li jridu jitpoggew.*

***Il- Qorti:***

*Hawnhekka morna PF 2 point 37*

***Ix- Xhud:***

*Point 37 iva. Mela hemm hekk jekk wiehed ihares fil- genb, qed nirreferu perezempju 11 T 16, imbaghad perezempju ghandek bar mark 30 u imbaghad ghandek 200."* [11]

Ghaldaqstant quddiem il-Qorti, issa **debitament assistit**, l-Perit Farrugia mhux biss <u>ikkonferma dak li xehed quddiem il-Periti Torpiano u Aquilina</u> meta esebixxa is-CD bil-kalkoli tieghu, [12] izda sahansitra <u>rega' esebixxa dawk il-kalkoli w kommunikazzjonijiet minnu mibghuta lil Perit Gatt u lil B&B Constuction Ltd</u>, **Dok. PF2-PF4**[13]. L-istess kif wara kollox minn jeddu ghazel li jaghmel meta esebixxa *emails* bil-kalkoli tieghu lil Prof. Torpiano.

e). Riprodott fl-20 ta' Settembru, 2012, aktar minn 6 xhur wara s-sinistru, u bhal fl-okkazzjonijiet l-ohra meta xehed meta <u>ma kienx detenut u liberu jikkonsulta ma avukat</u> jekk hekk xtaq, il-Perit Farrugia jerga' jixhed quddiem il-periti mahtura fl-inkjesta fejn issa jmur pass oltre` u <u>jipprezenta affidavit:</u> *"<u>Dawn l-istruzzjonijiet ghas-saqaf ta' taht in-night club jidhru fid-drawing tieghu</u>[sic] <u>Top Reinforcement T1 & T u Additional Top Reinforcement</u>. Jien nikkonferma illi meta ffirmajt il-kuntratt ma B&B <u>jiena kont specifikatment ghedtlu li</u>*

---

[11] Fol.803-804

[12] **Dok. PF2** formanti parti minn **Dok.PFet** anness mar-relazzjoni tal-Perit Aquilina fil-PV

[13] Fol.838-839; Fol. 859-907

*l-working drawings kellu jaghmilhom il-kuntrattur fuq struzzjonijiet minghandi. Ma kienx mifthiem xi approval minn naha tieghi. Jien ma nafx min suppost ghamel dawk id-drawings. Nenfasizza li r-rwol tieghi kien li naghmel l-istructural design."*[14]

Mal-affidavit pprezentat fl-20 ta' Settembru, 2012, gie prezentat minnu wkoll il-ftehim ma B&B Construction Ltd. datat is-17 ta' Dicembru, 2010, li jipprovdi, minghajr kwalifika ulterjuri li l-Perit Farrugia kien inkarigat *"re Structural Design";* l-istess ftehim gie esebit minnu ghal darb'ohra fil-kors tax-xhieda tieghu *viva voce* (**Dok. PF14** a fol. 930).

Fl-ebda okkazzjoni meta xehed quddiem il-Prof. Torpiano ma kien hemm xi ammissjoni da parti tal-Perit Farrugia.

Illi lanjanza fl-istess vena saret mill-abbli difensur ghall-imputati Bartolo fil-kors tas-sottomissjonijiet orali w ghalhekk imiss li din tigi kkunisdrata.

Kien biss Etienne Bartolo li xehed fl-inkjesta u dan sar fi tlett okkazzjonijiet fis-7 ta' Marzu, 2012[15]; fid-9 ta' Marzu, 2012[16] u fis-16 ta' Marzu, 2012[17]. Qabel ma xehed Bartolo nghata d-dritt li jikkonsulta ma avukat. La kien detenut u ghalhekk liberu li jikkonsulta mal-legali tieghu qabel kull okkazzjoni li fiha xehed kif ukoll li ma jwegibx ghall-domandi li b'xi mod setghu inkriminawh.

a). Fis-7 ta' Marzu, 2012, spjega kif il-kumpanija li taghha kien *general manager* hadet il-kuntratt *Design & Build* u ghadda biex taha r-retroxena dwar kif il-kuntratt ittiehed minn dik il-kumpanija. Minghajr ma gie mgieghel jew hekk

[14] Fol.314-315 tal-PV
[15] Fol.286-288 tal-PV
[16] Fol.296-298 tal-PV
[17] Fol.316-318 tal-PV

suggerit lilu, ipprometta jipproduci l-pjanti strutturali kif ukoll ic-certifikati tal-hadid ghall-parti li cediet f'seduta ohra.[18]

b). Hekk sehh meta rega'xehed fid-9 ta' Marzu, 2012, fejn ghalkemm ma regax inghata l-*caution*, kif kien wieghed jumejn qabel, esebixxa d-*drawings* mghoddija lilu mill-Perit Gatt meta spjega x'kien l-irwol tieghu fuq is-sit kif ukoll kif kienu qed jizvolgu x-xoghlijiet f'dik il-parti li cediet.[19] Fost affarijiet ohra jesebixxi *"dokumenti ta' Bar bending schedule li ghamel Ruben Gatt u pjanti ohra li giet b'email minghand il-Perit Farrugia jew direttament lili tramite il-Perit Gatt."*[20]

c). Riprodott fis-16 ta' Marzu, 2012, taha rendikont ta' dak li kien sehh meta gew innutati konsenturi fl-istruttura adjaceneti. Semma kif baqghu jistennew kuntratt formali minghand il-Perit Farrugia li baqa' ma wassalx kif ukoll kif l-informazzjoni biex setghu jahdmu kienet qed tasal bicca bicca tant li ma setghux jippjanaw kif ser jahdmu.[21]

Dak li xehed fl-inkjesta rega' gie kkonfermat minnu quddiem il-Qorti meta xehed debitament assistit. Id-dettal li ma semmiex fix-xhieda tieghu *viva voce* kienet precizament l-irwol tieghu fit-tqeghied tal-hadid. Madanakollu dan il-fatt jirrizulta minn dak dikjarat minn Silvio Debono, Reuben Gatt[22] kif ukoll il-*foreman* impjegat mal-kuntrattur, Amante Bartolo, li jixhed *"Il-qisien tal-armar jaghtihulna Etienne u wara jgibulna l-hadid li jitqieghed fil-lok. Dak il-hadid ikun immarkat u* ***Etienne jghidilna fejn dak il-hadid ikun sa jitqieghed.****"*[23]

[18] Fol.286-288 tal-PV
[19] Fol.296-298 tal-PV
[20] Fol.297
[21] Fol.316-318
[22] Fol.293-295 tal-PV
[23] Fol.303 tal-PV

Minn dawn il-fatti jirrizulta li bl-ebda mod ma jista' jitqies li Etienne Bartolo jew il-Perit Farrugia kienu f'xi mument fi stat ta' vulnerabbilita` li permezz taghha ghandha tigi vizzjata xi dikjarazzjoni minnhom maghmula; li kienu arrestati jew f'xi kwalunkwe mod michuda mill-liberta` taghhom; li lilhom gie nnegat id-dritt li jikkonsultaw ma legali taghhom jekk hekk xtaqu u kif gie mwissi lilhom meta gew infurmat bid-drittijiet taghhom qabel ma xehdu. Kienu liberi li ma jesebux dokumenti quddiem il-periti teknici kif *del resto* kienu liberi li x'hin dehrilhom opportun jieqfu jwiegbu ghad-domandi li kienu qed issirulhom kemm il-darba hassew li jistghu jinkriminaw rwiehom bir-risposti taghhom.

Minflok l-imputati Etienne Bartolo u Pierre Farrugia ghazlu li mhux talli jwiegbu ghal ghadd ta' domandi izda <u>minn jeddhom ghazlu li jipprezentaw dokumentazzjoni w kommunikazzjonijiet</u> li ghaddew bejnhom u bejn atturi ohra. Fil-kaz tal-Perit Farrugia dan sahansitra b'mod sponataneju ghall-ahhar ghazel li jipprezenta affidavit 6 xhur wara l-ewwel deposizzjoni tieghu.

Iktar sinifikanti minn hekk **fil-kors tax-xhieda taghhom quddiem il-Qorti, meta debitament assistiti, regghu tennew dak li kienu ddikjaraw mal-esperti Torpiano u Aquilina**.

Jinghad ukoll li din il-Qorti bl-ebda mod ma qeghda tistrieh <u>esklussivament</u> fuq dak li  l-Perit Farrugia jew Etienne Bartolo xehedu quddiem il-periti esperti, f'liema xhieda <u>ma saret l-ebda ammissjoni minnhom ghas-sinistru</u>, izda sejra tibbaza l-gudizzju taghha fuq xhieda u evidenza ta' terzi.

Fuq skorta tad-decizjoni ricentament pronunzjata ***Il-Pulizija vs Lawrence Darmanin***[24] u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet appena maghmula, il-Qorti qed tichad din l-ewwel eccezzjoni u tqis li dak mistqarr quddiem il-Periti mahtura fl-inkjesta mill-istess imputati, ghandu jibqa jitqies bhala ammissibli.

F'dik id-decizjoni l-Qorti ghamlet ezami *funditus* anke tal-gurisprudenza ricenti tal-Qorti Ewropeja in materja fejn anke saret riferenza ghad-decizjoni **Farrugia vs Malta**, illum *res judicata*:

> Illi s-sentenza fl-ismijiet "ir-Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef et" deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri traccat l-izvilupp gurisprudenjzali kemm lokali kif ukoll tal-Qorti Ewropeja f'din il-materja:
>
> > **"7. Brevement rakkontata is-sitwazzjoni qabel l-2002, fil-kwistjoni tal-istqarrija fil-pre trial stage, persuna arrestata ma kellha ebda jedd ghall-xi forma ta' assistenza legali sakemm iddum arrestata inkluz waqt l-interrogatorju. L-Att III tal-2002 imbaghad introduca fis-sistema legali taghna forma ta' dritt ta' assistenza legali billi ta il-jedd li persuna arrestata tkun intitolata titkellem wicc imm'wicc jew bit-telefon ma' avukat jew prokuratur legali ghal mhux aktar minn siegha zmien ex artikolu 355 AT tal-Kap 9. Dan il-jedd ma dahalx fis-sistema legali taghna minghajr skossi ghaliex l-artikolu 355 AU imbaghad holoq id-dritt tal-inferenza, igifieri, li f'kaz fejn l-arrestat ikun utilizza d-dritt li jikkonsulta mal-legali tieghu, ikun naqas milli jsemmi fatti li ragonevolment ikun mistenni li jsemmi, l-Qorti, allura fi stadju wara l-pre trial stage, "tista taghmel dawk l-inferenzi minn dan in-nuqqas bhala jidhru xierqa, liema inferenzi ma jistghux wahedhom jitqiesu bhala prova ta' htija izda jistghu jitqiesu bhala li jammontaw ghal korroborazzjoni ta' kull xhieda ta' htija tal-persuna akkuzata jew imputata". Dan kien ifisser illi ma tistghax issir tali inferenza f'dak il-kaz li l-persuna arrestata taghzel li ma taghmilx uzu mill-jedd ghall-assistenza legali. Mqabbla dawn il-provvedimenti mad-Direttiva numru 2013/48/EU tal-Parlament Ewropew u**

[24] Qorti tal-Appell Kriminali Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell Numru: 495/2016; Deciza 4 ta' Lulju, 2019

**tal-Kunsill dwar id-dritt ghall-assistenza legali waqt l-arrest, kien hemm lok ghal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt ghall-assistenza legali moghti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif ezistenti dakinhar taht il-ligi taghna, kien ristrett ghal siegha qabel l-interrogatorju u b'hekk kien jeskludi l-jedd tal-presenza tal-avukat waqt l-istess interrogatorju. F'dak l-istadju l-arrestat kien soggett ghal-mistoqsijiet diretti u suggestivi bir-risposti taghhom, anke jekk jghazel li ma jwegibx, bit-traskrizzjoni tieghu tkun eventwalment esebita fil-proceduri kontrih fejn ikun meqjus innocenti sakemm pruvat mod iehor. Tajjeb li jkun rilevat ukoll illi l-Att III tal-2002 ma dahalx fis-sehh qabel is-sena 2010;**

**8. Gara, izda, illi l-Att LI tal-2017 biddel l-Artikolu 355AT u l-Artikoliu 355AU meta dahal fil-kodici id-dritt tal-assistenza legali kif postulat fid-Direttiva 2013/48 EU. Dawn l-emendi dahlu fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 401/2016, igifieri ferm wara l-ghoti tal-ewwel sentenza. Tajjeb li jinghad ukoll illi bis-sahha tal-Avviz Legali 102/2017 maghmulha taht il-Kodici Kriminali, kienu introdotti fis-sistema legali taghna ir-Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati; [25]"**

Illi sfortunatament din is-"saga" dwar l-ammissibilita' o meno bhala prova ta'l-istqarrija rilaxxjata mill-persuna akkuzata meta din ma tkunx giet assistita minn avukat ghadha ma ratx it-tmiem taghha, bil-qrati taghna issa rinfaccjati b'decizjonijiet godda mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li fil-fehma ta' din il-Qorti, imorru lura ghall-*istatus quo ante* d-decizjoni **"Borg vs Malta".** U ghalkemm f'din id-decizjoni kienet saret kritika lejn il-qrati Maltin u dan ghaliex d-decizjonijiet ma kenux qed jimxu kollha b'mod konformi, issa din l-istess Qorti wasslet hi stess biex qed timxi b'nuqqas ta' konformita l-aktar bid-decizjonijiet recenti li inghataw u cioe' **Beuze vs Belgium** (decizjoni Grand Chamber), **Doyle vs Ireland** (Court 5th Section) u dik li laqtet lil pajjizna **"Farrugia vs Malta"** deciza fl-04 ta' Gunju 2019 (Court 3rd Section) fejn il-Qorti strahet fuq il-konsiderazzjonijiet minnha maghmula fil-kawza "Beuze vs Belgium[26]" meta holqot test imsejjes fuq zewg binarji li l-qorti trid taghmel f'kull kaz ghalih meta qalet:

---

[25] **Repubblika ta' Malta vs Rio Micallef, David Tabone u Darren James Vella** – Appell 14/2013/1 deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri; Deċiża nhar it-3 ta' April 2019.

[26] Deciza mill-Grand Chamber fid-09 ta' Novembru, 2018

"97. In *Beuze*, drawing from its previous case-law the Court explained the aims pursued by the right of access to a lawyer (§§ 125-130) and elaborated on the content of the right of access to a lawyer reiterating, in particular, that suspects must be able to enter into contact with a lawyer from the time when they are taken into custody. It must therefore be possible for a suspect to consult with his or her lawyer prior to an interview or even where there is no interview and that suspects have the right for their lawyer to be physically present during their initial police interviews and whenever they are questioned in the subsequent pre-trial proceedings (§§ 133-134).

98. Prior to the recent *Beuze* judgment, in a number of cases, the Court found that systematic restrictions on the right of access to a lawyer had led, *ab initio*, to a violation of the Convention (see, in particular, *Dayanan v. Turkey*, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009 and *Boz v. Turkey*, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010). That same approach was followed by the Court in relation to the Maltese context in *Borg* (no. 37537/13, 12 January 2016).

99. Subsequently, being confronted with a certain divergence in the approach to be followed in cases dealing with the right of access to a lawyer, the Court had occasion to further examine the matter in *Ibrahim and Others*, *Simeonovi* and more recently in *Beuze*, all cited above, where the Court departed from the principle set out in the preceding paragraph. In *Beuze*, the most recent authority on the matter, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them, as explained below.

*i) Concept of compelling reasons*

100. The criterion of "compelling reasons" is a stringent one: having regard to the fundamental nature and importance of early access to legal advice, in particular at the suspect's first police interview, restrictions on access to a lawyer are permitted only in exceptional circumstances, must be of a temporary nature and must be based on an individual assessment of the particular circumstances of the case. A finding of compelling reasons cannot stem from the mere existence of legislation precluding the presence of a lawyer. The fact that there is a general and mandatory restriction on the right of access to a lawyer, having a statutory basis, does not remove the need for the national authorities to ascertain, through an individual and case-specific assessment, whether there are any compelling reasons. Where a respondent Government have convincingly demonstrated the existence of an urgent need to avert serious adverse consequences for life, liberty or physical integrity in a given case, this can amount to a compelling reason to restrict access to legal advice for the purposes of Article 6 of the Convention (see *Beuze*, cited above, §§ 142-143).

*(ii) The fairness of the proceedings as a whole and the relationship between the two stages of the test*

101. Where there are no compelling reasons, the Court must apply very strict scrutiny to its fairness assessment. The absence of such reasons weighs heavily in the balance when assessing the overall fairness of the criminal proceedings and may tip the balance towards finding a violation. The onus will then be on the Government to demonstrate convincingly why, exceptionally and in the specific circumstances of the case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer (see *Beuze*, cited above, § 145).

102. The Court further emphasises that where access to a lawyer was delayed, and where the suspect was not notified of the right to legal assistance, the privilege against self-incrimination or the right to remain silent, it will be even more difficult for the Government to show that the proceedings as a whole were fair (ibid., § 146).

103. As the Court has already observed, subject to respect for the overall fairness of the proceedings, the conditions for the application of Article 6 §§ 1 and 3 (c) during police custody and the pre-trial proceedings will depend on the specific nature of those two phases and on the circumstances of the case (ibid., § 149).

*(iii) Relevant factors for the overall fairness assessment*

104. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account:

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;

(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;

(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;

(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;

(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;

**(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;**

**(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;**

**(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;**

**(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and**

**(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice."**

Illi din id-decizjoni wasslet ghalhekk ghal ezami gdid li ghandu isir f'kull kaz ghalih sabiex titqies l-ammissibilita' o meno tal-istqarrija bhala prova in atti. Id-*dissenting opinions* ghal din id-decizjoni ta'l-Imhallfin Serghides u Pinto de Albuquerque jaghtu stampa tal-*iter* li hadu id-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja fuq dan il-punt u jikkritikaw din id-decizjoni billi fil-fehma taghhom tmur kontra il-principju tas-smigh xieraq kif imhaddan fil-Konvenzjoni:

**I. Two approaches to the right to a lawyer**

**2. There are two basic Grand Chamber case-law approaches regarding the interpretation and application of Article 6 § 3 (c). The first approach (henceforth referred to as such) is that of *John Murray v. the United Kingdom*[1] and *Salduz v. Turkey*[2]. Under this approach, evaluation of the overall fairness of a trial (stage two) is required only when there were compelling reasons justifying the restriction on the right to a lawyer (stage one): "the question, in each case, has therefore been whether the restriction was justified *and if so*, whether in the light of the entirety of the proceedings it has not deprived the accused from a fair hearing"[3]. Hence, according to this approach, there should be no stage two if at stage one it is found that there were not compelling reasons for the restriction.**

**3. The second approach (henceforth referred to as such) is that of *Ibrahim and Others v. the United Kingdom*[4], *Simeonovi v. Bulgaria*[5] and *Beuze v. Belgium*[6].Pursuant to this approach, an evaluation of the overall fairness of the trial is always required, even if there were not compelling reasons which justified the restriction. Hence, under this approach there is a compulsory two-stage test in every case.**

Fil-fehma taghhom gjaldarba ma tezisti l-ebda raguni impellenti 'il ghala l-persuna suspettata tkun giet imcahhda mid-dritt ghall-assistenza legali, allura f'dak il-kaz tinsorgi awtomatikament il-lezjoni fit-termini tal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni minghajr il-htiega li l-Qorti tezamina l-proceduri penali fl-intier taghhom sabiex tqies jekk tkunx saret ingustizzja mal-persuna akkuzata. Ikomplu hekk jikkritikaw din id-decizjoni:

> **" The second approach interpreted the Article 6 § 3 (c) right in a manner contrary to its wording, object and purpose, and diminished its importance to the extent that its core is seriously, if not mortally, affected. Thus, we do not consider it an advancement or further realisation[10], but a retrogression of the relevant human right. Such a result could have been avoided if the Court had never lost sight of the principle of effectiveness in the interpretation and application of the right to a lawyer."**

U jikkonkludu hekk wara li jezaminaw l-argumenti imressqa mil-maggoranza tal-Imhallfin li wasslu ghal konkluzjoni li ma kienx hemm ebda vjolazzjoni tal-artikolu 6 fil-kaz ta' Farrugia, li kien gie imcahhad mid-dritt ghall-assistenza legali qabel ma gie interrogat, gie illiberat mill-Ewwel Qorti izda misjub hati mill-Qorti ta'l-Appell fejn ghalkemm dik il-qorti strahet fuq evidenza ohra li kien hemm fl-atti, madanakollu qieset illi Farrugia ma kienx kredibbli fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati sabiex b'hekk tat iktar piz lill-provi l-ohra li kien hemm kontrieh:

> **"This is a truly Kafkaesque case, in which an already acquitted defendant ultimately finds himself convicted on the basis of shaky testimony from one single prosecution witness and the appellate judges' doubts regarding the credibility of the defendant's replies to police questions concerning facts unrelated to the imputed offence. We were already persuaded that, under the first approach, his conviction should not stand. It is clear from the above analysis that all the arguments used by the majority in applying the second approach are unfounded. After concluding this analysis, we are further strengthened in our firm conviction that there has been a violation of Article 6 §§ 1 and 3 (c) of the Convention in the present case. Having found such a violation, we would obviously award the applicant a sum in respect of non-pecuniary damage."**

Illi l-Qorti taqbel ma' din il-fehma ghaliex gjaldarba ma hemm ebda raguni impellenti li abbazi taghha l-persuna suspettata tkun giet mcahhda mill-jedd ghall-assistenza legali, anke jekk wahda minima, allura kwalunkwe dikjarazzjoni hekk rilaxxjata tpoggi lil dik il-persuna sussegwentement akkuzata fi zvantagg, meta dak dikjarat minnha fi stadju investigattiv, anke jekk mhux inkriminatorja, tingieb imbaghad bhala prova kontra tieghu/taghha fil-process penali tant ghalhekk illi jkun hemm lezjoni tad-dritt tieghu/taghha ghal smigh xieraq. Dan minghajr il-htiega li jigi ezaminat jekk tali stqarrija kenitx determinanti o meno fil-gudizzju finali u li allura jigu ezaminati "*the overall fairness of the proceedings*", it-tieni kriterju stabbilit fit-test gdid imfassal mill-Qorti Ewropeja. <u>Il-Qorti tirrileva illi qed thaddan din il-fehma biss fir-rigward ta' dawk l-istqarrijiet rilaxxjati qabel Frar tas-sena 2010 u allura fiz-zmien meta kien hemm projbizzjoni assoluta ghal persuna suspettata li tikseb parir legali jew li tkun assistita minn avukat u allura meta ma kien hemm ebda raguni impellenti 'il ghala l-persuna suspettata kellha tigi imcahhda mill-assistenza legali</u>.

Maghmula dawn il-konsiderazzjoni, ghalhekk u applikati ghal kaz in dizamina, il-Qorti tqies illi f'dan il-kaz ma kien hemm l-ebda raguni impellenti 'il ghala l-appellat kellu jigi imcahhad mill-jedd li jkollu l-assistenza legali qabel ma irrilaxxja l-istqarrija inkriminatorja tieghu. Dan ifisser illi tali stqarrija hija inammisibbli bhala prova ghaliex leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq iktar u iktar meta l-Avukat Generali, issa fi stadju ta' revizjoni, qed issejjes it-talba tieghu sabiex tigi revokata d-decizjoni liberatorja fuq dak minnu mistqarr fl-imsemmija stqarrija ghalkemm fiha qatt ma ammetta r-responsabbilita penali tieghu.

[sottolinejar ta' din il-Qorti]

Il-kaz in dezamina ma jirrigwarda l-ebda dikjarazzjoni li saret qabel Frar, 2010. Id-decizjoni ta' din il-Qorti, li ma tiskartax izda li tiddikjara bhala ammissibbli dak mistqarr mill-imputati mal-Prof. Torpiano, ittiehdet wara li din il-Qorti assigurat ruhha mill-"*the overall fairness of the proceedings*" minkejja li l-imputati ma kellhomx avukat prezenti meta xehdu quddiem l-esperti tal-Qorti fil-kors tal-inkjesta magisterjali.

Ikkunsidrat,

Dwar it-tieni eccezzjoni fir-rigward ta' dak mistqarr mill-ko-akkuzati quddiem il-Prof. Torpiano u l-Perit Aquilina, in linea mar-regola desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, liema regola giet konstantement applikata mill-qrati taghna, ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz.[27]

Ghalhekk dak li imputat xehed fl-ambitu ta' dawn il-proceduri ma jiswiex bhala prova favur jew kontra l-ko-akkuzat iehor. Ghaldaqstant fil-konsiderazzjonijiet taghha, din il-Qorti ser tistrieh biss fuq dak li jkun gie mistqarr mill-istess imputat u minn xhieda ta' terzi, kemm jekk fl-inkjesta kemm jekk quddiem din il-Qorti.

---

[27] Vide **Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri**, Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija v. Toni Pisani**, Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta` Tieghu r-Rev. Karmenu Vella**, Qorti Kriminali, 3 ta' Dicembru, 1947; **The Police v. Alfred W. Luck et**, Appell Kriminali, 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara**, Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et**, Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri v. Theresa Agius**, Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u passim **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et**, Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998

Ovvjament <u>din ir-regola ma tolqotx dak li xehedu persuni li mhumiex jew ma ghadhomx ko-akkuzati</u>, kuntrarjament ghal dak li gie sottomess fit-trattazzjoni mill-abbli difensuri ta' Angelus u Etienne Bartolo u tal-Perit Farrugia. Ma jridx jintnesa wkoll li l-artikolu 636(b) tal-Kodici Kriminali jitkellem biss dwar <u>"ko-akkuzat" u mhux "suspettat"</u> u ghalhekk galadarba persuna ma tibqax meqjusa bhala "ko-akkuzat", xejn ma josta Qorti milli tikkunsidra bhala ammissibbli xhieda moghtija minn dik il-persuna partikolarment meta, bhal fil-kaz in dezamina, dik ix-xhieda hi korroborata minn provi ohra.

Jigi sottolinejat ukoll li l-artikolu 646(4) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li *"Il-proċessi verbali jistgħu jinġiebu bħala prova bħal ma jingħad fl-artikolu 550"*. Dak li jrid jigi salvagwardjat hu d-dritt tal-imputat li jikkontrolla dik ix-xhieda u dan billi ma jigix privat mid-dritt tieghu li jaghmel kwalunkwe kontro-ezami li jidhirlu opportun ta' dawk ix-xhieda li jkunu instemghu fil-kors tal-inkjesta magisterjali. <u>Ma gie negat lill-imputati odjerni l-ebda dritt simili u kienu liberi li jsejjhu in kontro-ezami jew in difeza kull xhud li xehed fl-inkjesta</u>.

Ghalhekk dak li xehdu fl-inkjesta individwi li mhumiex ko-akkuzati ghandu jibqa' prova ammissibbli. B'konsegwenza t-tieni eccezzjoni qed tigi respinta.

Ikkunsidrat,

**Oliver Magro** in rapprezentanza tal-Awtorita` tal-Ippjanar xehed li l-perit li fl-2010 issottometta l-applikazzjoni ghall-permess tal-MEPA kien il-Perit Robert Sant:[28] *"... il-Perit fir-rigward tal-Planning Authority dejjem huwa*

[28] Fol.1341

*responsabbli l-Perit tul il-validita' tal-permess. Jigifieri, u dejjem huwa responsabbli f'dan il-kaz kien Robert Sant u baqa' Robert Sant sat-terminu ovvjament tal-applikazzjoni….."*. Jekk perit irid jezonera ruhu minn kwalunkwe responsabilita` jista' jaghmel *change of architect form* fejn ikollu jgib il-firma tal-perit li ser jiehu dik ir-responsabbilita` minfloku.[29] Fir-rigward tal-Permess nru. 4689/10[30], dan inhareg fuq *amended application* (ghal dak nru. 720/05) iffirmata mill-Perit Robert Sant[31] datata is-7 t'Ottubru, 2010;[32]il-permess relattiv inhareg fit-30 ta' Jannar, 2014, u *"Ghadu sallum Robert Sant [responsabbli] ghal dik l-applikazzjoni"*.[33] L-applikazzjoni relattiva saret mill-Perit Lino Cachia, ghan-nom ta' Design and Technical Resources Ltd. [34] Pjanta ohra li giet approvata fl-ambitu tal-permess 4689/10 iddahhlet fit-29 ta' Mejju, 2012[35] mill-Perit Dirk Psaila ghan-nom tal-Perit Robert Sant.[36]

Riprodott jghid li r-responsabbilita` tal-perit mal-awtorita` hi li l-izvillup jitwettaq skond il-kundizzjonijiet tal-permess u l-pjanti approvati izda bhala awtorita` ma jiccekjawx dwar sahha tal-bini.[37] Jekk ma jkunx hemm perit li lest jassumi responsabilita` minflok il-perit originali ma tistax isir *change of architect*. Jikkonferma li fil-kaz tal-progett inbiddlu xi pjanti u kien hemm tibdiliet sostanzjali fil-parti fejn sehh is-sinistru. Il-perit responsabbli ghall-parti li ggarfet kien Lino Cachia, ghan-nom ta' DTR, skond il-permess 720/05, liema permess kien l-uniku permess vigenti fid-data in kwistjoni,[38] peress li

[29] Fol.1342
[30] **Dok. OM3** a fol. 1383 et seq.
[31] Fol.1348. Vide **Dok.OM1** a fol.1368 et seq.
[32] Fol.1349
[33] Fol.1343
[34] Fol.1341. Vide **Dok.OM** a fol. 1364
[35] **Dok. OM5** a fol.1402
[36] Fol.1358. Li ddahhlet mill-Perit Psaila jirrizulta minn **Dok. OM4** a fol. 1394
[37] Fol.1410
[38] Fol.1414-1415

fejn sehh l-incident l-izvillup kien ghadu ma giex *sanctioned;* is-*sanctioning* wasal bil-permess 4689/10 li hareg fl-2014.[39]

**Silvio Debono**, sid il-progett, spjega kif il-Perit Sant kien issottometta applikazzjoni ghall-estensjoni tal-lukanda u madwar sena qabel ma hargu l-permessi ssugerixxa kuntratt ta' *Design* & *Build.*[40] Sussegwentement il-Perit Farrugia gie ingaggat mill-kuntratturi *"biex jaghmel id-disinn ta' l-inginerija"*[41]. Ikompli *"Il-Perit Sant, ir-rwol tieghu baqa' li jibghat perit u draughtsman fuq is-sit, fuq bazi ta' kuljum u cioe` Site Supervisor u jiccekjaw li d-disinn jigi esegwit u mhux il-kalkoli tal-Perit Pierre Farrugia…. Jien laqqajt il-kumpanija maghzula mal-Perit Farrugia li kien l-engineer ta' B&B biex flimkien jaraw kif kienu sa jahdmu."*[42]

Gie prezentat affidavit tal-istess Debono datat l-20 ta' Lulju, 2012, li fih issir dikjarazzjoni li timpingi direttament fuq ir-responsabbilita` o meno tad-diversi imputati. Debono jsemmi kif fil-hin li l-Perit Torpiano kien qed josserva l-post fejn gara l-incident, gibidlu l-attenzjoni *"biex il-gakkijiet ta' taht is-saqaf tal-indoor pool ma jnehhuhomx anzi nzidu aktar ghaliex jista' jkun il-kaz li hemm l-istess problema bhal tan-night club. Dak il-hin gbidt l-attenzjoni lill-kuntrattur Etiene Bartolo u lill-engineer Pierre Farrugia x'kien qalli l-Professur Torpiano u tlabt lill-kollega tieghi Romano Tabone biex jispezzjona minn taht jekk hemmx xi movimenti. Iktar tard cempilli u qalli li ra konsenturi. Cempilt lil engineer tal-istruttura il-Perit Pierre Farrugia u l-kuntrattur Etiene Bartolo biex jigu urgenti u jispezzjonaw x'kien ra Romano Tabone. X'hin wara telghu l-ufficju hdejja u minn diskursata li kellhom bejniethom sirt naf illi l-kuntrattur maghmilx il-hadid li qallu l-Perit Pierre Farrugia. Ghax qallu "li ma rcivhomx minn ghandu dawk il-pjanti". Il-perit urieh l-emails bil-pjanti li kien badt [sic] lil l-istess Etiene Bartolo u li kienu*

[39] Fol.1415
[40] Fol.236
[41] Fol.306-307 tal-PV
[42] Fol.237

*kkonfermati li rcivewhom[sic]. L-ghada filghodu l-Perit Pierre Farrugia qalli li cempillu Etiene Bartolo u kkonfermalu li -pjanti veru kienu rcivewhom."*[43]

Rilevanti li Debono ma jinvolvi bl-ebda mod lil Perit Robert Sant dwar il-konsenturi li gew nnutati w li dwarhom kellha tittiehed azzjoni immedjata biex tigi ndirizzata s-sitwazzjoni. Ma dan tizdied id-dikjarazzjoni tieghu li DTR ma kienux inkarigati jiccekjaw il-kalkoli li kien qed isiru mill-Perit Farrugia.[44]

Debono pprezenta wkoll kopja tal-kuntratt *Design & Build* maghmul bejn il-kumpanija tieghu w l-kuntrattur B&B Construction Ltd.[45] Angelo Bartolo iffirma dan il-ftehim f'isem il-kumpanija ingaggata fid-19 ta' Jannar, 2011.[46]

Dan il-ftehim hu cjar u inekwivoku hekk kif f'Section B *General Conditions, fi*l-parti intestata *CONSTRUCTION*, fi klawzola GC2.6 insibu:

> 02.06.2 **Construction contractor is responsible for the design and construction** of the Project and shall provide all services pursuant to this contract in a manner consistent with the **standard of care** under applicable laws to those specialising in providing such services for projects of this type, scope and complexity of the Project ....
>
> **02.06.5 Construction Contractor agrees that is [sic] has single point responsibility for the design and construction of this Project.**[47]

In vista ta' dawn il-fatti hu opportun li l-Qorti mill-ewwel tikkunsidra r-responsabbilita` o meno tal-imputat Perit Robert Sant ghal dan is-sinistru.

---

[43] Fil-faxxikolu **Dok.SV**. Vide riferenza ghal dan l-affidavit fil-lista ta' dokumenti annessi mar-rapport tal-Perit Richard Aquilina a fol..323

[44] Fol.237

[45] **Dok.SV.** Kopja ohra **DOK. DB2** a fol. 1157 et seq.

[46] P.2 *Contract for the Construction of Extension to Seabank Hotel at Mellieha.*

[47] Fol.1168

Perit Robert Sant

B'riferenza ghall-klawzoli appena citati l-kuntrattur mhux biss ha fuqu l-oneru ghall-kostruzzjoni izda effettivament **ezima minn kull responsabilita`** lil Perit Sant ghall-kostruzzjoni tal-progett.[48] Dak li ddikjara Debono jkompli jikkonferma dan meta jghid li *"Il-Perit Sant, ir-rwol tieghu baqa' li jibghat perit u draughtsman fuq is-sit, fuq bazi ta' kuljum u cioe` Site Supervisor u jiccekjaw li d-disinn jigi esegwit u mhux il-kalkoli tal-Perit Pierre Farrugia."*[49]

Ghalkemm ma tqajjmet l-ebda eccezzjoni dwar dan, il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax ukoll il-fatt li fiz-zmien tas-sinistru l-unika permess *in vigore* ghall-istruttura kien dak li nhareg fuq applikazzjoni tal-Perit Lino Cachia, perit fi hdan l-ufficju ta' Design and Technical Resources Ltd. (DTR). Ma dan irid jigi rilevat li l-kuntratt mas-Seabank ma giex iffirmat mill-Perit Robert Sant f'ismu personali izda dan sar *"For and on behalf of Design and Technical Resources Ltd (DTR Ltd)."*[50] Tant kienet il-kumpanija li hadet l-inkarigu li fuq is-sit li ma kienx ikun hemm kwotidjanament il-Perit Sant izda l-perit inkarigat li jkun *on site* kien il-Perit Dirk Psaila mill-istess ufficcju (DTR). Fl-*amended application* ffirmata minn Robert Sant ghalkemm il-kliem *'o.b.o.'* ma jidhrux, it-timbru w l-indirizz huma dawk tal-kumpanija DTR.

Madanakollu l-akkuzi nhargu fil-konfront tal-imputat Sant f'ismu personali u mhux minhabba r-responsabbilita` vikarja tieghu minhabba l-irwol tieghu f'din il-kumpanija. Wiehed jinnota li fil-kaz tal-imputati Bartolo dawn gew akkuzati, wara emendi fl-akkuza originali, kemm f'isimhom propju kif ukoll

48 Fol.1349
49 Fol.237
50 Fol.1144

fil-kapacita` vikarja taghhom *'bhala direttur jew rapprezentant tal-kumpanija B&B Construction Ltd.'*.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et** il-Qorti rriteniet:[51]

> Illi dwar ir-responsabbilta vikarja jitkellem l-artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi:
>
> **"Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-ghemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat."**
>
> Dan ifisser allura illi ir-responsabbilta` kriminali hija wahda personali u mhux wahda rapprezentattiva jew nomine kif inhi fil-kamp civili. Ghalhekk ma hemmx ghalfejn li l-appellati jigu iccitat fil-vesti ta' direttur jew in rapprezentanza ta' xi socjeta' kummercjali. Bizzejjed li jigi citat b' mod car ghal dak li jirrigwarda l-konnotati taghhom personali w <u>li mill-korp tal-akkuza jkun jidher car li qed jigu mharrka jew akkuzati minnhabba r-responsabbilta' vikarja taghhom bhala ufficjali/diretturi tal-korp</u>. Dak li irid jirrizulta mill-provi, izda hu li fil-fatt huma kienu id-diretturi, jew ufficjali tal-korp bhal ma hija socjeta' kummercjali li tiggestixxi l-post fejn ikun sar ir-reat u li huma allura qed jigu akkuzati ghal din ir-raguni
>
> Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Onor. Prim' Imhallef Emeritus Dr. V. De Gaetano) fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Bonnici** [26.5.1995]:-
>
> "*Meta persuna tigi biex twiegeb ghar-reat kommess minn ghaqda jew korp ta' persuni in forza ta' l-artikolu 322 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija jew in forza ta' l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni [Kap.249], it-tahrika ghandha tohrog kontra d-direttur, manager, ecc. f' ismu personalment, fis-sens li hu personalment irid iwiegeb ghall-akkuza, u f' kaz ta' sejbien ta' htija u imposizzjoni ta' piena, tali piena, sia jekk pekunjarja sia jekk restrittiva tal-liberta' personali, tigi inflitta fuqu u tigi skontata minnu.*"
>
> <u>**Izda**</u>:
>
> "*….meta l-prosekuzzjoni tkun qed tipotizza, kontra tali direttur, manager jew segretarju, reat kommess minn ghaqda jew korp, u li ghalih hu jrid iwiegeb personalment, <u>**fl-imputazzjoni jew fl-akkuza**</u> — mhux fl-isem tal-imputat jew akkuzat, cioe' mhux fl-okkju tal-kawza—<u>**ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi imsejjah biex iwiegeb ghal reat kommess mill-korp jew ghaqda: cioe' ghandu jkun hemm xi indikazzjoni li hu qed jigi mharrek jew akkuzat minhabba r-responsabilta' vikarja tieghu**</u>. Jekk mhux ghal xi haga ohra, tali indkazzjoni hi mehtiega sabiex l-imputat jew l-akkuzat ikun jista' jipprepara d-difiza tieghu.*[52]"

[51] Onor. Imhallef Dr Edwina Grima; Appell Krim. Nru.463/2012; Deciza 19.11.2015

[52] Appell Inferjuri: **Il-Pulizija vs Patrick Vella;** Deciza 31/08/2006

Mill-provi prodotti ma jifdal l-ebda dubbju li r-responsabbilita` li l-prosekuzzjoni qed tattribwixxi lil Sant hi dovuta ghall-irwol tieghu fi hdan id-DTR, il-kumpanija li originarjament giet inkarigata minn Seabank biex tfassal il-progett u tapplika ghall-permessi necessarji. Ghalhekk mhemmx dubbju li l-Perit Sant kellu jigi akkuzat minhabba r-responsabilita` vikarja tieghu fi hdan id-DTR u mhux semplicement fil-kapacita` tieghu personali.

*Multo magis* il-Perit Sant ghandu jizi ezonerat minn kwalunkwe responsabilita` ghas-sinistru, meta jitqies li r-raguni ghaliex jidher li l-espert Prof. Torpiano kkonkluda li dan kellu *overall responsibility* ghall-progett, kien dovut precizament ghall-fatt li kien hu li ffirma l-applikazzjoni tal-MEPA u ghalhekk skattat ir-responsabbilita` ai termini tal-Ligijiet Civili – li f'dan il-kamp ma jaghmlux stat - izda wkoll minhabba obbligi u doveri ai termini tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija.[53] Skond il-Perit Aquilina, il-Perit Sant kien iffirma l-applikazzjoni mal-MEPA *"Meta tiffirma l-applikazzjoni, inti qed tiffirma kemm ghall-applikazzjoni u r-responsabilita` tal-bini"*.[54]

Din hi premessa li ma treggix fil-kamp penali fejn, fin-nuqqas ta' disposizzjoni cara u specifika statutorja, tali konkluzjoni ghandha tintlahaq wara li jigu kkunisdrati l-provi kollha fejn kull kaz jiddistingwi ruhu minn iehor. Il-kaz in dezamina hu xhieda ta' dan propju ghaliex malli gie ffirmat il-kuntratt *Design & Build* ir-responsabilita` ghall-kostruzzjoni intefghet kollha kemm hi fuq il-kuntrattur.

Illi l-konkluzzjoni li l-perit li jiffirma l-applikazzjoni mal-MEPA jibqa' jgorr responsabbilita` ghall-bini ghas-semplici fatt li jkun iffirma dik l-applikazzjoni, u fid-dawl tal-fatt mistqarr mix-xhud Oliver Magro li l-MEPA

---

[53] Fol.356 tal-PV
[54] Fol.658

ma tidholx fi kwistjonijiet ta' strutturi u kostruzzjoni , hi konkluzzjoni li sfortunatament issir ta' spiss u wahda li fil-fehma ta' din il-Qorti mhix ghal kollox korretta.

Fil-fatt fl-applikazzjoni ghall-permess hemm dikjarat cjar u tond x'tip ta' responsabbilita` qed jidhol ghaliha perit kemm il-darba jiffirma dik l-applikazzjoni. Fis-sezzjoni nru. 19 tal-applikazzjoni jinghad is-segwenti: *"I, the undersigned Perit, ….shall undertake the direction and responsibility for the works referred to in this application according to* ***Article 97(o)*** *of the Code of Police laws".*

Issa apparti ghall-fatt li l-artikolu 97(o) tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija **ma jezistix** izda jezisti biss l-artikolu 97(1)(o),[55] dan l-artikolu jipprovdi:

> **97.** (1) Fil-bini ta' kull dar jew ta' biċċa minn dar, is-sid kif ukoll il-bennej u l-arkitett li jkunu mqabbdin mix-xogħol, għandhom, kemm-il darba r-regolamenti msemmijin fl-artikolu 102 ma jkunux jiddisponu xort'oħra, iħarsu r-regoli li hemm fil-paragrafi li ġejjin:…..
>
> (*o*) (i) tletin ġurnata mill-anqas qabel ma jinbeda xogħol ta' bini, jew ta' bini mill-ġdid, ta' dar, jew ta' biċċa minn dar, jew, meta jsir xogħol **biex il-loki jitniffed mad-drenaġġ pubbliku**, qabel ma dan ix-xogħol jitgħatta, l-arkitett jew il-bennej, jew is-sid, għandu, flimkien ma' pjanta tax-xogħol propost, jagħti avviż ta' dak ix-xogħol lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;…….

Ghal daqshekk u xejn aktar, u cioe` ghall-kwistjonijiet marbuta ma **tniffid ta'** ***toilets*** **mad-drenagg pubbliku,** il-perit ikun qed jassumi responsabbilita` kemm il-darba jiffirma dik l-applikazzjoni!

Punt iehor li donnu gie skartat hu l-fatt li fil-kuntratt ta' *Design and Build*[56] milhuq bejn is-Seabank u l-kuntratturi, u cioe` B&B Construction Ltd., il-Perit Robert Sant mhux firmatarju tieghu ghalkemm indikat bhala *"The Architect".*

---

[55] Wara li l-artikolu 97 gie revokat bl-***Att XXV tal-2001*** gie introdott artiklu 97 gdid bl-***Att III tal-2002.***

[56] **Dok.DB2** a fol. 1157 et seq.

Ghalhekk bl-ebda sforz ta' imaginazzjoni ma jista' jitqies li l-Perit Sant kien vinkolat taht xi klawzola minn tieghu.

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u fuq skorta tad-decizjonijiet msemmija, l-Perit Robert Sant qed jigi mehlus minn kull htija u piena.

Ikkunsidrat,

L-Ewwel Imputazzjoni

Imiss ghalhekk li jigi kkunsidrat jekk mill-evidenza in atti tirrizultax negligenza da parti tal-imputati l-ohra li wasslet ghall-mewt ta' Maksims Artamonovs.

Gie esebit il-process verbal numru 923/12.[57] A tenur tal-artikolu 646(4) tal-Kodici Kriminali[58] moqri flimkien mal-artikolu 550 tal-Kodici Kriminali,[59] fil-konsiderazzjonijiet taghha l-Qorti ser taghmel riferenza wkoll ghal dak li xehedu diversi persuni fl-ambitu tal-inkjesta magisterjali esebita in atti.

Id-difiza ezentat[60] il-prosekuzzjoni milli tressaq bhala xhieda lil **PS1586 Ronnie Attard** u lil **PS 830 Christopher Debono** indikati bhala l-ufficjali li rredigew jew aggornaw il-**Current Incident Report**[61] kif ukoll **PS1261**

[57] **Dok. SF** (Vol.I u Vol.II) fol.1 sa 437 tal-Proces Verbal.
[58] Il-proċessi verbali jistgħu jinġiebu bħala prova bħal ma jingħad fl-artikolu 550
[59] (1) Il-proċess verbal magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża u x-xhieda,u x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess jew xehdu matul l-inkjesta Maġisterjali ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja matul il-kumpilazzjoni.
[60] Fol.524
[61] Fol.33. Vide ukoll verbal tal-18/01/2016 a fol.489.

**Charles Pace,** [62] *scene of crime officer,* innominat fl-inkjesta li kien gibed numru ta' ritratti[63] fuq struzzjonijiet tal-Perit Arkitett Richard Aquilina. L-istess jinghad ghal **PS826 Matthew Parnis** li xehed[64] kif gie nominat bhala *scene of crime officer* fl-inkjesta li saret dwar is-sinistru w ikkonferma r-rapport li gie pprezentat f'dik l-inkjesta.[65] Semma kif eleva fdalijiet ta' *safety helmet* li kien libes id-*decujus* u parti minn cinga li nstabet fuq il-mejjet.[66] **PS122 Arthur Borg** ikkonferma r-rapport tieghu kontenenti ritratti li ttiehdu fuq ix-xena.[67] Ir-ritratti ta' strutturi tal-bini ttiehdu fuq struzzjonijiet tal-Perit Richard Aquilina espert fl-inkjesta.

**Dr. Mario Scerri,** espert fil-medicina forensika, fir-rapport minn tieghu kkonkluda li Maksims Artamonovs kien soffra fratturi u lezjonijiet estensivi kompatibbli ma *crush injuries*.[68] Minn naha tieghu l-patologu **Dr. Ali Safraz** kkonkluda li *"The death of this young make is certified as being due to multiple crush injuries due to a construction site accident"*.[69]

**Oskar Skadins** ddeskriva kif flimkien mad-*decujus* u Edits Strazdim **kienu qed izarmaw dak li kien fadal mill-armar tas-saqaf tal-*carpark*.** Hu kien lejn in-nofs u l-vittma fit-tarf. F'daqqa wahda sema' hoss kbir, ma setghax aktar

---

[62] Fol.524
[63] **Dok. CP** a fol. 106-114
[64] Fol. 51. Ezentat mili jerga jixhed wara l-qari tal-akkuza mill-gdid hekk kif jirrizulta mill-verbal tal-31 ta' Jannar, 2017 a fol. 524
[65] **Dok.MP** a fol.101-103 tal-PV
[66] Fol.52
[67] Fol.54. Rapport mmarkat **Dok. AB** a fol.23 tal-PV. Ezentat milli jerga' jixhed wara l-qari tal-akkuza mill-gdid hekk kif jirrizulta mill-verbal tal-31 ta' Jannar, 2017 a fol. 524
[68] Fol.193. Relazzjoni **Dok. MS** a fol.160-196 tal-PV.
[69] Fol.201. Relazzjoni **Dok. AS** a fol.198-201 tal-PV.

jara lill-vittma u ra s-saqaf niezel shih u gera l-boghod. Is-saqaf l-ewwel nizel fil-genb fejn kien id-*decujus* u wara s-saqaf ceda lejh.[70]

**Kawza tal-Kollass tal-Istruttura.**

Biex jigi determinat dan l-interrogativ il-Qorti ser tikkunsidra dak li kkonstata l-abbli espert il-**Prof. Alexander Torpiano** li hu specjalizzat fi strutturi tal-*concrete* u dawk tal-gebel. [71]

Wara li kkonferma r-rapport[72] tieghu, pprezentat fl-inkjesta magisterjali fejn sema' x-xhieda flimkien mal-Perit Richard Aquilina, spjega li wara li tnehha l-kadavru bdew inehhu l-materjal bil-mod biex jippruvaw jifmhu x'kien gara. Ittiehdu *samples* l-universita biex jigi ttestjat il-*concrete*.[73]

*A). Punching Shear*[74]

Jispjega *"X'gara dan kien hemm zewg sulari ta' soqfa tal-concrete u fuqhom kien hemm struttura tal-injam. Taht net suppost kien il-parkegg imbaghad kien hemm sular iehor fuqu. Is-sular ta' fuq kien hemm dak li jisejjah punching sheer [recte: shear] jigifieri l-kolonni ghaddew minn gol-konkos direttament. Din kienet tip ta' kostruzzjoni partikolari jghidulha flat slab, jigifieri ma jkunx hemm travi, u d-disinn irid isir fuq il-bazi tal-fatt li m'hemmx travi, u allura jrid ikun hemm certu rinforz fl-*

---

70 Fol.299 tal-PV

71 Fol.592

72 **Dok. AT** a fol. 327 et seq

73 Fol.593

74 *"Punching shear is a type of failure of reinforced concrete slabs subjected to high localized forces. In flat slab structures, this occurs at column support points. The failure is due to shear. This type of failure is critical because no visible signs are shown prior to failure"* : https://resources.scia.net/en/articles/concrete/17_0_punching.htm

*islab u certu tqassim ta' rinforz fl-islab. Kien car ghalija li kien gara kien falla, l-ewwel minn post wiehed imbaghad baqa' sejjer l-istruttura kollha, prattikament* ***il-kolonni ghaddew minn gos-saqaf u ccattjaw taht, imbaghad ovvjament l-istruttura ta' fuq li kienet kumplikata u tqila, pero dik ikkolassat fuqha****. ..... iffukajt fuq x'setgha kkawza[ha]. Irrid nghid ukoll li meta jiena kont qed naghmel l-investigazzjonijiet kien hemm* <u>*struttura adjacenti mibnija bl-istess mod li ma kinitx ikkolassat u jiena kont zorta u kont innutajt li hemm xi koncenturi u kont gbidt l-attenzjoni, isma hudu passi ghax hemm il-koncenturi u nibza dak li qed nissuspetta li gara sa jigri f'din ukoll*</u>*. .... t-testijiet [tal-concrete] li ghamilna ahna l-Universita' kienu ftit differenti mit-testijiet li saru mill-kuntrattur of his own, u anki minn dak li gie instructed, pero l-konkluzjoni tieghi jiena kienet li dik id-differenza wahedha ma kinitx bizzejjed biex tispjega ghaliex kien hemm kolass katastrofiku. Jiena ffukajt fuq tliet aspetti.* <u>*Wahda li r-rwoli tan-nies involuti specjalment ir-rwoli tal-professjonisti nvoluti, ma kienx car. ....*</u> *t-tieni fazi hija kuntrattur dahal ghal kuntratt ta' design and build, .....* ***skond l-Att tal-Periti biex inti tiddisinja trid tkun Perit, jigifieri kuntrattur ma jistax jghid jiena ha niddisinja, pero dahal f'dak il-kuntratt.......Kuntrattur ma jistax jiehu r-responsabbilta'****. Qed nghid hekk ghax qalulna li originarjament kien ha jkun Perit iehor li jagixxi ghal kuntattur biex jaghmel id-disinji, pero mbaghad qabbad perit attwali li huwa l-Perit Pierre Farrugia. Issa l-Perit Pierre Farrugia spjegalna li r-rwol tieghu kien sempliciment li jaghmel il-calculations u jaghti instructions lil kuntrattur biex isiru d-drawings.*

***Jiena harist lejn it-tip ta' instructions u deherli li kienu ftit difficli biex wiehed jifhem dawn l-instructions by e-mail biex wiehed ikun car, habba li hija struttura partikolari, x'ghandu jsir. ......*** <u>***meta taghmel dawn it-tip ta' strutturi ma tistax tibghat instructions by e-mail u ma ticekkjax jekk almenu a) giex miftiehem, u b) giex mibni kif minghalik***</u>***.*** *Ghax filfatt hekk gara.* <u>***Il-kuntrattur ma fehemx li din kienet struttura partikolari***</u>***,*** *fl-istruttura adjacenti ma fehemx li kellu jsir certu hadid, u jiena nahseb illi ghax dik kienet veru, hemmhekk tigri* ***you have slab failure ghaliex ma jkunx hemm il-hadid fuq il-kolonna, fuq***

***il-kolonna*** *mhux mall-genb tal-kolonna, allura qed tiddependi fuq is-sahha tal-concrete biss, u allura* ***zball ta' dak it-tip minn xi hadd li ma jifhimx xi tfisser flat slab, huwa potenzjalment perikoluz li filfatt dak li gara. Il-kuntrattur missu tkellem jekk ma fehemx****, .... ma kienx hemm fl-ahhar mill-ahhar mill-atturi kollha f'din l-istorja min litteralment ihares lejn dak li qed jaghmel il-kuntrattur u jghidlu isma tajjeb qed taghmlu jew mhux tajjeb qed taghmlu............* ***fil-konkluzjonijiet tieghi ma ghidtx li kien tort ta' persuna wahda pero ghidt li isma kien hemm diversi fatturi u diversi atturi li kellhom tort parzjali.*** *The bottom line hija li ma kienx hemm car x'inhuma r-rwoli tal-personaggi fiha, u allura* ***hadd ma ha responsabbilta' li l-instructions ikunu tajbin u li jigu esegwiti b'mod tajjeb, u kien hemm tragedja, dik il-konkluzjoni tieghi..... L-affarijiet li semmejt li marru hazin setghu jigu evitati, jigifieri setgha jkun hemm car min kellu jaghmel xiex.***[75]***......*** *meta konna nibnu postijiet zghar il-Perit kien kollox. L-istess persuna kienet kollox, taghmel il-pjanti, iggib il-permessi, taghmel l-instructions strutturali u tiehu hsieb li jigi kollox esegwit. Meta l-progetti bdew ikunu ikbar dawn l-irwoli bdew jinqasmu, u m'hemm xejn hazin li jinqasmu. Pero jrid ikun hemm carezza ta' min qed jiehu r-responsabbilta', ghax inkella tispicca li hadd ma jiehu r-responsabbilta' ghall-iktar parti mportanti li hija li l-istruttura tinbena skond instructions miftehmin sew u ovvjament li l-instructions jigu miftehmin sew.".*[76]

Meta l-kuntratt *Design & Build* sar mal-kuntratturi s-***single point responsibility*** li ghaddiet ghal fuq il-kuntrattur ***"Ghalhekk jien naghmel osservazzjoni fejn nahseb li l-kuntrattur ukoll ghamel zball, ghax ma jistax johodha dik ir-responsabbilta' hu.*** *Hu m'ghandux warrant biex jiehu r-responsabbilta' ghal disinn strutturali. Irid jghid il-Perit li ha jahdem mieghu u jghidlu int issa trid tohodli f'ismi mhux f'isem il-klijent, trid tiehu dik ir-responsabbilta' strutturali. Jiena fl-opinjoni tieghi design and build contract fuq din il-bazi bil-kuntrattur jiffirma u jghid jien ha naghmel design, huma kontra l-ligi. Ma*

[75] Fol.593-596
[76] Fol.598

*tistax. Ghax* ***jekk ma tifhimx ma tistax tiffirma haga, taghmel xi haga li ma tifhimx fiha****."*[77]

<u>*B). Kalkoli Zbaljati*</u>

<u>Il-kalkoli huma l-qofol </u>ta' kollox peress li permezz taghhom tigi stabbilita s-sahha tax-*shear interphase* fejn johrog kemm ikun hemm bzonn hadid u s-sahha w l-hxuna tal-*concrete.*

Ikompli jispjega kif **ma kienx soddisfatt bid-disinn u l-kalkoli** li saru biex tinbena il-koppla li ceddiet: *"Gew provduti lili, ma kontx sodisfatt kompletament, u filfatt <u>tlabt kjarifika, partikolarment fuq dak li ahna nsejhu sheer [recte:shear], jigifieri hija din il-parti tal-mekkanizmu fejn il-kolonni u s-soqfa hemm interaction bejniethom</u> partikolari, xtaqt saqsejt li nara l-kalkoli tas-sheer, u rcivejt xi haga. Onestament hassejt li professjonalment* ***ma kontx konvint minn dawk il-kalkoli ta' dik il-parti****. ......****Ghax meta tikkalkula trid taghmel certu assumptions li huma ragonevoli.*** *Mela meta inti jkollok kolonna, u ghandek is-saqaf fuqha, dik ghandha perimiter shih biex, nghidulha s-sheer strength taghha. Mela kollu l-perimiter jirrezisti din l-ghafsa. Jekk inti jkollok il-kolonna fit-tarf ghandek perimiter li ma jezistix.* ***Jekk inti terga, kif gara, s-saqaf tpoggieh fuq nofs il-kolonna, ghandek perimiter hafna hafna inqas, u hemmhekk illi sar l-izball. Inti ma tistax taghmel il-kalkoli fl-ufficju tieghek u tghid isma jien qed nassumi ha jaghmel hekk, meta fir-realta' jew trid tghidlu taghmilx mod iehor, jew inkella trid ticekkja. Hemmhekk dak is-sens il-kalkoli ma hadux in konsiderazzjoni dan l-aspett."***[78]**.**

[77] Fol.611
[78] Fol.603

Jinsisti li **saru kalkoli erroneji peress li sab l-istess zball fi struttura ohra li kienet inbniet mill-istess kuntrattur fuq struzzjonijiet tal-Perit Farrugia**: *"Jiena konvint li ghamlu zball ghax l-istruttura ta' hdejha, li gbidt l-attenzjoni fix-xhieda tieghi, kien hemm l-istess zball.* ***Ma' kienetx ghadha waqghet imma kien hemm l-istess zball. U kienet nuqqas ta' komunikazzjoni [bejn il-Perit Farrugia u l-kuntrattur] ghax ma' kienx miftiehem id-dettal****. ….* ***Jiena nitolbok tara x-xhieda ta' Etienne Bartolo ghax tlabnih specifikament, min kien jinterpretalu d-drawings u qal 'jien.' Fix-xhieda qieghdha cara.".***[79] Fl-opinjoni tieghu falliet l-*slab, "Din kienet tistrieh fuq 16-il kolonna, u dawn il-kolonni, litteralment baqghu ghaddejin minn gos-saqaf. Dik ahna nsejjhulha shear failure.* ***Issa, 'shear failure'*** *[recte: shear failure]* ***tfisser illi fejn kien hemm il-kolonna mal-konkos, jew il-hxuna tal-konkos ma' kienx bizejjed jew ma' kienx hemm bizejjed hadid fuqha. U dik hija marbuta mal-kalkoli****. ….."*[80] <u>Dwar il-kalkoli tal-periferija li fl-opinjoni tal-espert kienu krucjali, dan baqa' ma tahomlux u ghalhekk fil-fehma tieghu *"nimmagina li kieku kienu jezistu kien itihomli. ….*</u> *Fit-tezi li spjegajt fir-rapport tieghi, alavolja l-kolonni kollha ghaddew minn gos-saqaf, dawn ma' gratx hekk. Grat progressive, jigifieri marru l-ewwel il-kolonni tat-tarf, u mbghad qisha bhal iccartet bicca drapp u marru l-ohrajn kollha. Ghax imbghad ovvjament il-piz, intefa fuq il-kolonni l-ohra".* Din il-konkluzjoni intlahhqet wara li ttiehed kont ta' dak li xehed sieheb id-*decujus* li kien fuq in-naha l-opposta tal-post fejn cediet l-istruttura li waqghet 'at a slope' <u>*"minn hemm gie l-hsieb li marret fit-tarf. Meta ccekkjajt jiena l-affarijiet fit-tarf, skoprejt li ma' kienetx tiflah."*</u>.[81]

<u>*C.) Nuqqas ta' Kommunikazzjoni bejn Perit u l-Kuntrattur; Drawings ma Ezistewx; Emails ma Jinfthemux*</u>

---

[79] Fol.693
[80] Fol.702-703
[81] Fol.705

Irrizulta li l-kuntrattur ircieva dawn il-kalkoli via serje ta' *emails* li fil-fehma tal-espert Torpiano *"**ma nghatawx b'mod li jinftehmu ghaliex inghataw b'e-mails**, ..... hija riskjuza li taghmel instruction ta' dak it-tip, electronic only. Ghalhekk ghidt fir-rapport isma l-**instructions ma kinux cari, allura kemm min taha l-instructions fl-opinjoni tieghi m'ghamilx sew, u kemm min ircieva l-instructions jekk ma kienx qed jifhimhom missu jitkellem ukoll.".***[82] Ikompli *"fi progett bhal dan, ma' titlobx informazzjoni fuq email, b' sentenza. L-hadid ser ikun hekk. Il-hadid ser ikun hekk, ma' jistax ikun. ….Ghaliex tista tigi miftiehem hazin. Il-hadid mhux kemm hu. Fejn na nqieghdu, kemm ha taqtghu. Fejn pozizzjoni fis-saqaf. Jigifieri propja dik hi l-qofol. L-informazzjoni ma' tfissirx li ghamilt il-kalkolu u sibt li hemm bzonn ………..Trid tpingihom ezatt fejn iridu jkunu".*[83]

Kien importanti li l-kalkoli jintbghatu b'mod car propju minhabba it-tip ta' programm li ntuza, ***il-CAD (Computer Aided Design):*** *"Mela l-process ta' kif tibni drawing, bl-autocad, jinvolvi dak li jissejjhu layers. Issa jekk tpoggi karti strazzi fuq xulxin. Imma daqqa tista tnehhi wahda u daqqa tista tnehhi l-ohra. …Bi tpingijiet differenti. U mbghad inti tista tixghel u titfi. …….ghalhekk jiena ghidt 'kien ikun hemm drawing printed, biex inti tkun cert.' Kien hemm drawings bil-hadid, li kellu jkun isfel, layered. Drawings tal-hadid li kellu jkun fuq, f' ohra. Id-dettalji ta' fuq il-kolonni, ….. xorta difficli biex tifhem kif jigu flimkien."*[84] Izid ***"fl-ahhar mill-ahhar, il-Perit Farrugia kellu obbligu akbar li jaghmilhom b'mod li jiftehmu u li jallertjah ukoll".***[85] **Jattribwixxi nuqqas ukoll lil Etienne Bartolo li kien qed ipoggi l-hadid fuq is-sit** *"jiena gbidt l-attenzjoni ghall-fatt illi skont ix-xhieda*

---

[82] Fol.605
[83] Fol.685-686
[84] Fol.699-
[85] Fol.701

*tieghu, Etienne Bartolo, **lanqas hass il-bzonn illi jistaqsi lil xi hadd jara kif qed iqassam il-hadid**. Hu stess qal fix-xhieda tieghu, …".*[86]

Skoncernanti hu l-fatt riskontrat mill-espert Torpiano: "*Ahna **ma' sibniex sura ta' drawings.** Minn hadd, ghall-parti li waqghet. …. Fuq il-parti li waqghet, lanqas biss kien hemm drawings. Ahseb u ara kienu nbghatu**. Ma' kienx hemm drawings, ….Kien hemm messaggi fuq l-email, tiprova tifimhom, jiena ma' fhimthomx….. … bhala professjonist, il-Perit Farrugia mhux biss kellu jaghmel il-kalkoli, ma' kellux jibghat il-kalkoli lill-kuntrattur, kellu jibghat id-drawings ghax il-kalkoli ma' jifimhomx il-kuntrattur.** U d-drawings, dawk li rajna ahna, ma' kienux jiftehmu sew. **U nahseb li kien obbligu tieghu illi jkun cert illi jigu miftehma u mbghad ikun cert illi jigu esegwiti kif miftehma**."*[87]

Kuntrarjament ghal dak li jigi sottomess mill-Perit Farrugia fin-nota ta' sottomissjonijiet minn tieghu,[88] l-Prof. Torpiano jikkonstata li fil-kommunikazzjoni li l-Perit Farrugia baghat lil Perit Gatt kien hemm biss informazzjoni fuq il-hadid izda "*<u>bar bending schedule bis-serjeta` ma' kienx hemm</u>…. Dika jaghmilha suppost Reuben Gatt per ezempju, l-kuntrattur, ghax hu ried jordna dak il-hadid. U ghandu drawing li tghidlu: "Trid taghmel hadid ta' dan il-qies, ta' dan ix-shape." Dik tigi translated mill-bar bending schedule biex imbghad tordna l-hadid accordingly. …. Kif taf fejn ser tpoggih, jekk ma' jkollokx drawing … Fejn taf li din trid tpoggiha hawn u din trid tpoggiha fuq u din trid tpoggiha x' imkien iehor? Kif tafha? Jekk ma' jkollokx drawings."*[89].

Fil-fehma tieghu <u>kien jinkombi fuq il-Perit Farrugia jaccerta ruhu li l-kalkoli tieghu jigu esegwiti kif determinat minnu</u> ***"Ghaliex hu ghamel il-kalkoli. U***

[86] Ibid.
[87] Fol.691-692
[88] Fol. 1465-1466
[89] Fol.713

***jaf id-dettal kif irid ikun. Wiehed jaghmel il-kalkoli jaf l-assumptions li ghamel. Allura bilfors irid ikun cert li dak l-affarijiet jinbnew skond l-assumptions li ghamel….*** *Jekk nista nzid maghha, dina hija propja dak li gara fuq il-kolonni tat-tarf. Ghaliex jekk hu ghamel assumption, ha niehu ezempju, jekk hu ghamel assumption li l-kolonna u s-slab ser ikunu hekk, allura hemm certu area li tirrezisti [Qorti: Hawnhekk ix-xhud qieghed jaghmel ic-cirkoferenza ta' tazza mal-bottom left corner tat-tablet. ]..Fir-realta`, l-kuntrattur ghar-ragunijiet ta' kostruzzjoni tieghu, kien qed jaghmilhom hekk. [Qorti: U hawnhekk, issa x-xhud, qed iressaq it-tazza l barra biex tidher parti minnha mhux qed isserrah mal-qiegh tat-tablet.] … Jekk kienet hekk u kien hemm certa area li tirrezisti, issa saret hekk. Ghax qed jikkalkula li l-quddiem ser jaghti s-soqfa l-ohra, li jmissu. Imma hemmhekk il-komunikazzjoni fejn design and build trid tahdem. U ma' hadmitx."*[90]

Il-**Perit Pierre Farrugia** xehed b'mod estensiv u beda biex spjega li hu spjecjalizzat fl-*structural design.* Inghata konsulenza mis-sidien tas-Seabank Hotel relatat mal-estensjoni taghha fejn kien inkarigat jaghmel *value engineering* u *costing exercise* tal-progett.[91] Hejja dokument bl-istima preliminari ta' kemm kellha tiswa l-estensjoni. Minbarra li hadem fuq alterazzjonijiet fil-parti l-antika tal-lukanda, tqabbad minn B&B Construction biex jaghmel xoghol ta' konsulenza relatat mal-*structural design*.[92] Jixhed kif kien jikkomunika konstantament mal-Perit Reuben Gatt dwar struttura fejn kienu anke jiltaqaw ta' spiss: *"Kien hemm il- perit Reuben Gatt illi kellu rwol illi jordna l affarijiet, igifieri jara li l–affarijiet qeghdin isiru skont id-disinn, is-suggeriment jew ir-rakkomandazzjonijiet li jkun taghjtu jien, u apparti minn hekk il – perit Reuben Gatt kien qed jikkomunika mal- perit Dirk Psaila jew il- perit Diane Vassallo, tal- ufficcju Robert Sant. Dik kienet ic-chain of communication."*.[93] Itenni li

---

[90] Fol.713-714
[91] Fol.772-773
[92] Fol.774
[93] Fol.788

*"Qed naghmel emfasi fuq ix-xoghol ta' konsulent ghaliex jien min naha tal- B & B construction gejt ingaggat biex naghmel rwol specifiku. Mhux irwol ta perit, huwa perit dejjem ghax hawn Malta biex taghmel structural design trid tkun perit naturalment, pero l-irwol tieghi mal- B & B construction, kien limitat ghal structural design.".*[94] In sostenn ta' dan jipprezenta dokument li skond ix-xhud jirrifletti l-konsulenza mal-B&B:[95] *"gejt ingaggat minn Etienne Bartolo biex naghti* servizzi relatati ma *structural design,* fuq il- progett tas-Sea Bank"[96].

Jghaddi biex jispjega kif wasal ghall-kalkoli tieghu dwar l-istruttura li cediet. Il-kalkoli kien jghaddihom lil Gatt u jemfasizza li Gatt kien qed jifhem x'kien qed jinghad f'dawk l-*emails* ghaliex kienu jiddiskutuwhom. *"jiena din l-informazzjoni kont iddiskutejta u <u>ghaddejtha lill- kuntrattur billi kien hemm drawings illi ntbaghtu by email</u>. Pero l- email, ma kinietx biss, pero jien kont segwejtha ukoll anke b' meetings u kont naccerta ruhi illi l- kuntrattur ikun fehem dik l- informazzjoni. ....[l-email] jiena baghtta lill –perit Reuben Gatt, u kkupjajtha, ikkupjajt lill- general manager ta' B & B construction..... Fil- fatt ghandi email ghall-wahda tnjen li huma minghand il- perit Reuben Gatt stess fejn fihom dan annessa, annessa l- informazzjoni li jien, jiena kont tajtu li ghandha x taqsam mal- qabda tas-saqaf fuq il- kolonna u din kien baghat, wara li konna ltqajna fl- ufficju tal- B & B construction....".*[97] Farrugia esebixxa *email*[98] mibghuta lil Gatt li fiha qed jibghatlu *"reinforcement drawings and bar bending schedules for night club area"* flimkien ma struzzjonijiet li kellhom jigu segwiti b'kull virga tigi mmarkata.[99] Kompla li hu kien assigura ruhu li Gatt ircevihom u fehmhom billi anke spjegalu il-kontenut tal-*email.* Is-sistema li ntuzat ghall-struttura intuzat ukoll

---

94 Fol.786
95 Fol.792; Vide **Dok.PF14** a fol.930
96 Fol.793
97 Fol.796-798
98 **Dok.PF2.37** a fol.896
99 Fol.803-804

fir-rigward ta'bnadi ohra fejn f'saqaf minnhom sahansitra anke nbnew 7 sulari fuqu.[100]

Itenni li bl-ammont ta' vireg ta' hadid li kien ipprospetta fil-kalkoli tieghu is-saqaf ma kienx ser iccedi w ghalhekk ikkonkluda li ma kienx tpogga' l-hadid kif specifikat minnu;[101] jghid li fil-fatt il-kolonni fuq in-naha opposta ma cedewx minhabba li saru kif kellhom isiru.[102] Il-Perit Farrugia jichad li kienet tezisti xi diffikulta` biex jinfetah id-disinn kollu skond kif kkonkluda l-espert il-Perit.[103] Jinsisti li l-*assumptions* li abbazi taghhom haddem il-kalkoli kienu skond il-mestjier u dawn gew diskussi mal-Perit Gatt[104] izda *"Fil- kollonna, fil-kolonna, partikolari li semma il-Profs Torpiano ma mxewx ma dak li konna iddiskutejna. ..... Li kienet il-pivot biex imbaghad inqaleb kollox"*[105]. Jinnega li kien hemm xi kalkoli hziena izda jattribwixxi dak li sehh ghall-fatt li virga li kellha titpogga skond l-struzzjonijiet tieghu ma tpoggitx, *"Din hija il-virga, illi jirrizulta minn, mix-xhieda li harget, illi fuq il- post ma tpoggitx. Mela, qed nitkellmu fuq l-ewwel virga li kieent fil-lista, li kienet wahda mill-aktar vireg importanti li jitpoggew fis-saqaf, u ghallura l- informazzjoni, l-informazzjoni kienet hemm, dak hu l-punt. L- informazzjoni ta x kellu jitpogga fis-saqaf kienet hemmhekk."*[106] Kien assigura ruhu li l-informazzjoni kollha li baghat Gatt kien qed jaraha kollha.[107]

Meta xehed fl-inkjesta Farrugia jghid *"Jien kont gejt imqabbad mill-kuntrattur B&B sabiex niddisinja l-istruttura tal-parti l-gdida tal-lukanda...il-kuntrattur kellu l-appalt ta' Design & Build. Jien kont ippreparajt il-kalkoli tad-disinn ....ma kontx*

[100] Fol.806
[101] Fol.822
[102] Fol.826
[103] Fol.813
[104] Fol.815
[105] Fol.817-818
[106] Fol.808-809
[107] Fol.810

*inkarigat naghmel supervizjoni...qed nesebixxi l-kalkoli tal-area partikolari....Il-pedamenti kont iddisinjajthom jien....kont ippreparajt Skematics tal-elementi strutturali principali bin-notamenti fuq id-dettall. Id-dokumentazzjoni kollha fuq din l-istruttura tinsab f'Dok.PF...**ma kontx tajt method statement lill-kuntrattur dwar kif kellha tinbena din l-istruttura. Jien ma kontx issorveljajt il-kostruzzjoni u ghalhekk ma nistax nikkonferma jekk dak li nbena sarx skond id-disinn tieghi. Id-disinn tieghi jien kont tajtu lill-kuntrattur biss....sa fejn naf jien il-kuntrattur kien kapaci jifhem il-kalkoli u l-istruzzjoni li jien tajtu.....".***[108] Fl-inkjesta il-Perit Farrugia esebixxa *email* li baghat lil Reuben Gatt u lil Etienne Bartolo li kien fiha l-*attachments* bl-informazzjoni tal-hadid tas-saqaf ta' fuq il-*carpark* u wieghed li kien ser jipprezenta l-verzjoni elettronika taghha[109] u hekk sar jumejn wara meta rega' xehed. [110] Diga ntqal li din hi l-*email* tal-5 ta' Dicembru, 2011, li kopja taghha giet prezentata fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti w li kienet giet esebita minnu fil-mori tal-inkjesta magisterjali.[111]

Riprodott fl-inkjesta ghall-darb'ohra esebixxa affidavit rigward il-kostruzzjoni fin-naha tal-post tal-incident. *" Waqt li kont osservajt knsenturi rqaq fil-wicc tas-saqaf tal-Parking ta' taht l-indoor pool, jien ghamilt stqarrija fejn ghedt li suppost dawn il-konsenturi ma hargux ghax f'dak il-post suppost li kien hemm vireg ta' pulzier. ....dik is-sistema kellha tigi adottata fis-saqaf tan-nightclub, bid-differenza li f'ta l-ahhar il-vireg suppost kienu ta' 20. ....nahseb li flok vireg ta' '20 u tas-'16 li jien kont specifikajt, intuzaw vireg ta' '16 biss. Dawn l-istruzzjonijiet ghas-saqaf ta' taht in-night club jidhru fid-drawing tieghu Top Reinforcement T1 & T" u Additional Top Reinforcement. Jien nikkonferma illi meta ffirmajt il-kuntratt ma B&B jiena kont specifikatment ghedtlu li l-working drawings kellu jaghmilhom il-kuntrattur fuq*

---

108 Fol.285-286 tal-PV
109 Fol.304 tal-PV
110 Fol.309
111 **Dok. PF2** a fol 859 et seq.

*struzzjonijiet minghandi. Ma kienx mifthiem xi approval minn naha tieghi. Jien ma nafx min suppost ghamel dawk id-drawings. Nenfasizza li r-rwol tieghi kien li naghmel l-istructural design."*[112]

**Angelus Bartolo** kkonferma li hu kien l-uniku direttur fi hdan il-kumpanija B&B. Iffirma l-kuntratt mas-Seabank u minn zmien ghal zmien kien mar fuq is-sit tal-progett biex jaghti titwila.[113] Mieghu ma kienux jigu diskussi affarijiet relatati mal-progett peress li dawn kienu jsiru mal-perit tieghu jew mal-*foreman*. Ma dahalx f'kalkoli dwar l-struttura.[114]

**Etienne Bartolo** xehed li hu *mechanical engineer* u l-*general manager* tal-kumpanija B & B Construction Limited.[115] Meta gew avvicinati biex jiehdu l-progett kellhom perit iehor izda wara li Silvio Debono tahom l-impressjoni li kienu waqaw lura fuq il-proposti taghhom, fejn kellhom jahdmu l-pjanti u johorgu l-kalkoli u stimi dwaru, dan issugerilhom jibdew jahdmu fuq il-*Billing of Quantity (BOQ)* li nhadem mill-Perit Pierre Farrugia sabiex ikunu f'posizzjoni jissottomettu t-*tender* ghall-progett fil-hin. Ghalhekk bdew jahdmu bil-Perit ta' Debono fuq struttura li kienet tavvicina il-prodotti taghhom u peress li kienet *cost-effective* rebhu il-kuntratt. Iffirmaw mas-Seabank f'Dicembru u bdew jinhadmu pjanti minn Farrugia fuq dak li s-sid tal-lukanda ried u li kien rifless fil-pjanti tal-Perit Robert Sant: "*Pierre Farrugia ovvjament sa dak iz-zmien qed nircievu ahna pjanti minn Robert Sant, mill-ufficju ta' Robert Sant, ta' kif trid tigi l- istruttura, dawk jaghddu ghand Pierre, Pierre jahdem l-istruttura, u dik l-istruttura ahna nikkwantifikawha. Tinsiex, ahna ridna naqblu*

[112] Fol.314-315 tal-PV
[113] Fol.1027-1030
[114] Fol.1030-1031
[115] Fol.1032

*somma mas-Seabank, u ghamilna sitt, tmien xhur tista tghid nahdmu, qed naghmlu x-xoghol u niddefinixxu s-somma".*[116]

Talab lil Farrugia jaghtih kuntratt bhala perit strutturali biex jigi mifthiem ix-xoghol li kien ser isir minnu bhala perit, liema kuntratt ma mmaterjalizzax.[117] *"Jiena li ridt minn Pierre hija d-dissinn tal-istruttura bhala perit.... Id-dissinn Strutturali jfisser, qed tikkalkula il- loads li ghandek bzonn, ha tiddissinja struttura skont dawk il-loads li taf li ha jiguimposti fuq l–istruttura tieghek u taghddilna dawk id-dettalji biex ahna inkunu nistghu nezegwixxu ix-xoghol..... Ovvjament dan structural engineer jipproduci il- pjanti, jara li l- pjanti inti qed tifhimhom, ghax hu fl- ahhar mill- ahhar jaf il- pjanta x' ghandu f' mohhu u kif trid tigi ezegwita. Imma, oltre minnhekk ix-xoghol telaq. Bdejna ahna, bdejna nibnu skont dak li kien hemm, igifieri skont l-envelope li kien hemm fil- kuntratt taghna."*[118]

Jispjega li bhala *general manager* kien ikun ta' spiss fuq is-sit izda ma dahhlux f'kalkoli u l-esekuzzjoni tax-xoghol kienet qeghda issir minn perit iehor.[119] *"Kellna lill-perit Reuben Gatt li kien qed jircievi l-informazzjoni kollha. .....Konna nircievu struzzjonijiet minghand Robert Sant, dak li jirrigwarda arkittettura, konna nircievu id-dissinn strutturali minghand Pierre Farrugia. Dak id-dissinn strutturali imbaghad ahna, kull ma, igifieri dak kollu li jirrellatta mal-progett, strutturalment ukoll konna nibaghtuh ukoll lill, lill-ufficcju tal- perit Robert Sant. Dik l-istruttura imbaghad, l–istess Reuben Gatt kien jiehu hsieb illi jizviluppa jien naf production orders ghall- gol kumpanija, dawk l-affarijiet illi jsiru direttament gol-fabbrika, kif ukoll jiddelega x-xoghol ghall- foreman li kien ikun hemm fuq is-sit, biex isir dak kollu...".*[120]

---

[116] Fol.1048-1049
[117] Fol.1046
[118] Fol.1046-1048
[119] Fol.1056
[120] Fol.1057-1058

Dwar kif inbniet l-istruttura jghid li kif din kellha tittermina il-*flat slab* mal-kolonna ma kellhom l-ebda dettal ulterjuri. *"L-Informazzjoni konna nircivuha through email, bhall ma ircevejna dik il- pjanta li giet muriha hemm hekk. Dik tigi ghand Reuben Gatt, (**Dok. PF2.37) ....** Rajta waqt li konna qed nahdmu, waqt il-kostruzzjoni, urijili Reuben Gatt. .....Il-kollonna tat-tarf hemm hekk fuq id-drawing tidher li qeghdha sat tarf tal-kollonna, l-islab tistrih sa tarf il- kollonna fit-tarf. Issa, hemm location fejn dan ma jistax isir. Anke llum mibniha hekk it-tieni darba, ghax inti trid thalli lok fejn jigi it-travu li ser ikompli l-istruttura oltre minn fejn waqaf das- saqaf. Igifieri ma tistax taghmlu hekk, inutli hemm hekk tpingi linja barra mill-kollonna ghax ma jistax isir hekk. .......Meta saret it- tieni darba imma saret, dak il-hadid baqa l- istess, imma **il-kollonni li riedu jgorru d-dome ma baqghux, ma waqfux fuq is-saqaf. Baqghu nezlin sal- art tal-car park. Mela l-piz ta' fuq m' ghaddux trasmess fuq dak is- saqaf, nizel gol-carpark.**"*.[121] Madanakollu <u>hu rrejalizza dan *in hind sight* u ma ghalhekk ma kienx gibed l-attenzjoni ta' hadd dwar dan il-fatt.</u>[122] Dak iz-zmien il-kalkoli saru minn perit u mhux minnu. Kienu mxew fuq struzzjonijiet li tahom il-Perit Farrugia.

Quddiem il-Periti Aquilina u Torpiano Etienne Bartolo spjega kif il-*foreman* fuq il-progett kien certu Amante Bartolo.[123] *"Il-kuntratt mas-sid kien Design & Build, Lump Sum, izda wara gie mibdul ghal Desgn & Build, u measurement contract......fil-parti li waqghet kien hemm zewg persuni jzarmaw l-armar ta' gol-parkegg li kien taht l-armar ta' dik tal-injam.[124]...... il-procedura kienet li jaslu l-pjanti jew informazzjoni minghand il-Perit Farrugia b'email, il-Perit Reuben Gatt jaghmel il-bending schedules minn fuqhom, jinqata' u jinhadem il-hadid u jintbghat fuq il-lant. **Jien kont imur fuq is-sit u nindika fejn kellu jitqieghed il-hadid .....Biex nindika dan kont nuza l-istess pjanti u dan qed nirreferi ghall-flat slab u t-***

---

121 Fol.1064-1068
122 Fol.1068
123 Fol.286
124 Fol.287-288 tal-PV

***travu t-tond....Il-hadid fuq il-post, sa fejn naf jien, kont niccekjah jien u jien ghamiltu skond l-informazzjoni li dehret fil-pjanti."***[125]

**Il-Perit Dirk Psaila** li fiz-zmien is-sinistru kien impjegat mal-ufficju tal-Perit Sant, DTR, spjega li l-ufficju taghhom fil-bidu kien jiehu hsieb id-disinn fl-amministrazzjoni tal-MEPA, *feasibility studies* u l-istruttura tal-bidu. Maz-zmien gie inkarigat jiehu hsieb l-amministrazzjoni tal-MEPA u jassigura li x-xoghlijiet tal-progett jinbnew skond id-disinn. Kellu wkoll xoghol t'amministrazzjoni ma' konsulenti, enginiera u kuntratturi. Sussegwentement l-irwol ta' DTR inbidel *"il-klijent iffirma kuntratt ta' design and build ……Il-kuntratt hadu l-B&B…Kien jewalwa d-disinn arkitettoniku taghna* ***u jiddeciedu xi travi hemm bzonn, x'saqaf hemm bzonn, x'hadid hemm bzonn****. Jekk hemm bzonn per ezempju li titressaq xi kolonna biex l-istruttura tkun ahjar, kienu jaghmlu dik it-tip ta' analizi u jergghu ikellmuna biex jaraw jekk bhala bini li kellu bzonn il-klijent ghadhiex tahdem, fis-sens li mhux ressaqna kolonna u giet quddiem bieb ghall-argument jew mhux li kellhom ibaxxu s-saqaf imbaghad ma nghaddux millgholi, imbaghad minn dak l-att kienu jkomplu* ***jiddettaljaw strutturalment imbaghad kienu jibqghu sejrin ghall-bini****"*.[126]

Dwar l-struttura li cediet jghid: *"**jien qatt ma rcevejt emails diretti ta' pizijiet** u hekk imma **kollox ghadda through ovvjament jew il-B&B jew Pierre Farrugia, iktar minn Pierre Farrugia ghax imbaghad kien baghat certu alterazzjonijiet fid-disinn u f'certu turgien minn naha tieghu….**[127]**_…..Ahna bhala DTR qatt ma rcevejna konferma x'dettal ha jkun hemm jew struttura, ma kinetx responsabbilita' taghna dik il-line of communication ma kinetx tkun maghna….. kienet tkun bejn il-kuntrattur u l-Periti u l-konsulenti taghhom ghax huma flahhar mill-ahhar kienu qed jaghtu d-dettalji biex***

125 Fol.298 tal-PV
126 Fol. 1083-1085
127 Fol.1087

***jibnuha****….Jigifieri jaghmel analizi tal-pizijiet li ser ikunu, jikkalkula l-kolonni kemm ha jkunu kbar bl-ezatt, x'sahha ha jkollhom, x'hadid ser ikun hemm u ovvjament johrog il-final drawings biex il-kuntrattur jew min ikun fis-sit qed jibni ikun jista' jibni skond dawk id-drawings …..****Dawk id-drawings kienu jinhargu internament mill-B&B ghall-kuntrattur tieghu imma strutturalment kienu johorgu minghand Pierre Farrugia…..".***[128] DTR gew mghoddija d-disinn finali tad-*dome* u dan peress *"Din il- line of communication li kien ikollna ahna mal-Perit tal-B&B kienet illi l-Perit Pierre Farrugia kien jghaddi d-drawings strutturali u l-kalkolazzjonijiet u informazzjoni lil B&B, ahna mal-B&B, l-unika li kellna bzonn nikkonfermaw li jaghtina disinn ta' kemm ser jigi ohxon is-saqaf, ta' kemm ha jigu gholjin il-kolonni"*[129].

Muri *organizational chart* esebit mill-Perit Farrugia[130] li fih hu indikat taht il-grupp *Project Construction Management Panel* b'responsabilita` ghal *shell structuring new wing* jiddikjara li r-responsabilita` tieghu kienet limitata ghall-*managment* u cioe` l-amministrazzjoni tal-parti l-gdida biss.[131] Muri dokument iehor jghid li dawn kienu jirrigwardaw kwistjonijiet ta' *waterproofing* izda mhux affarijiet strutturali.[132] Dwar **PF37** li saret riferenza ghaliha mill-Perit Farrugia fil-kors tax-xhieda tieghu Psaila jinsisiti li hu ma semmiex kalkoli kif anke inghatat l-impressjoni mill-Perit Farrugia *"biex nikkoregik, jien ghamilthom imma ma hemmx kalkoli fuqhom. Kull ma hemm il-livell tal-madum fejn ha jkun jekk hux hawn jew hawn fuq…".*[133] Ix-xhud jispjega li f' *Design & Build contract "bhala Periti naghtu disinn arkittetoniku jigifieri mhux x'hemm xibka, x'hemm hekk,* ***l-kuntrattur jiehu responsabbilta' minn hemmekk il-quddiem, biex jiddetalja,***

[128] Fol.1088-1089
[129] Fol. 1091. **Dok. DP1** a fol. 1135-1140
[130] **Dok. PF11-11.1** a fol. 918-919
[131] Fol.1095
[132] Fol.1098
[133] Fol.1100

***biex jara x'hadid ser ikun hemm, x'pedament ser ikun……B'hekk hu kellu Perit hu ukoll u ngagga structure engineer minn naha tieghu"***[134].

**Il-Perit Reuben Gatt** li xehed fl-inkjesta semma kif il-Perit Farrugia kien baghtlu *drawings* permezz ta' *email* izda ma kienx involut dwar kif kellu jigi armat dak il-hadid. Kien ghamel *drawing* digitali tar-*roof slab* li kien bghatlu l-Perit Farrugia u baghtha lil Etienne Bartolo fejn qallu li ma riedx ikun responsabbli ghall-ezekuzzjoni tal-istruttura.[135] Riprodott esebixxa *emails* u pjanti mibghuta lilu mill-Perit Farrugia li fihom hemm kalkoli tal-istruttura kif ukoll struzzjonijiet relattati mal-bini strutturali tat-tinda li cediet.[136]

Ikkunsidrat,

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi l-Qorti sejra tikkunsidra l-gurisprudenza in materja.

[134] Fol.1112
[135] Fol.291
[136] Fol.293-295 tal-PV

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E &A., A&CE** gie deciz:[137]

> Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju…..
>
> …..Huwa obligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall-prevenzjoni ta' pregudizzju ghal-terzi. Hija kultant il-ligi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun negligenza, bhala element tal-kolpa, in-nuqqas ta' tharis tal-precett tal-ligi. Fejn dan il-ligi ma tghamlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l-generalita` tal-ohrajn tajba tal-istess kategorija ma kienitx tadopera fic-cirkostanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-responsabbilita` kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina d-diligenza indispensabbli biex jigu evitati sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxplina l-kondotta individwali, ihalli lok ghall-apprezzament ta' diffikultajiet u probabilitajiet tas-sitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqies ic-cirkostanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk mbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kienitx obiettivament adatta ghall-kaz konkrett, huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il-konvinzjoni ragunata, jew dik li komunemenet tissejjah ic-"certezza morali", kif distinta mic-"certezza obbiettiva", tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita`. Din il-konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq innuqqas ta' impenji ghall-iskoperta` tar-realta`, imma fuq il-verosimilianza soda li, a bazi ta' elementi esterni, is-sitwazzjoni tkun tipprezenta.
>
> Dan l-istess kuncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita` bejn ir-rizultat u l-kondotta tal-agent. Presuppost ta' dan in-ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistx ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness, u allura l-event dannuz johrog mill-limiti tal-imputabbilita` u jkun jirraprezenta l-fortuwitu.
>
> L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikolarment jissuccedi fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista` huwa kontinwament konfrontat minn esigenzi, diffikulatjiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti.
> [sottolinejar tal-Qorti]

Illi fis-sentenza **Ciantar v Gatt**[138] gie citat l-**Chirani** li qal:

> *"L'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore, o dello stato di necessita', quali mezzi liberatori delle responsabilita, cessano quando questi avvenimenti siano preceduti da dolo o colpa dell'agente… Il fatto illecito si conobbe allora al comportamento giuridicamente anormale, ne sara valevole l'eccezzione liberatoria perche' inutilizza dal dolo o dalle colpe precedente…."*

137 Deciza 4.02.1961 per Onor. Imhallef Dr. J. Flores. Kollez. Deciz Vol.XLV.iv. 870, 903

138 Qorti tal-Appell Civili; 15.05.1926, per Onor. Imhallef Luigi Camilleri

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri**:[139]

> Fil-fatt artikolu 225 jitkellem fuq "*nuqqas ta' hsieb, traskuraggni, nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu u nuqqas ta' tharis ta' regolamenti*" ……
>
> Fid-dottrina u l-gurisprudenza kontinentali jezistu zewg teoriji partikolari dwar il-kuncett ta' negligenza: it-teorija oggettiva u dik suggettiva. L-ezami ghat-teorija oggettiva mhux wiehed li hu mmirat biex jistabilixxi jekk il-persuna ipprevedietx jew setghetx tipprevedi dak l-incident partikolari tal-kaz izda jekk l-agir ta' dik il-persuna jaqax taht l-obbligu ragjonevoli ta' attenzjoni li kull persuna fis-socjeta` hija prezunta li ghandu jkollha f' cirkostanza partikolari. Min-naha l-ohra t-teorija suggettiva tenfasizza fuq kemm wiehed ikun vigilanti bil-limitazzjonijiet tieghu personali f' dak il-kaz partikolari.
>
> Ghalkemm il-legislatur naqas milli jaghti spjegazzjoni tat-termini "nuqqas ta' hsieb u traskuragni", madanakollu l-Qrati taghna dejjem interpretaw dawn it-termini bhala nuqqas ta' attenzjoni u ta' tehid ta' prekawzjonijiet li kienu mistennija f' cirkostanza partikolari. Tali interpretazzjoni taghmel sens hafna iktar meta tikkunsidra li l-Kodici taghna huwa bbazzat fuq il-Kodici Taljan tal-1889 fejn l-ezami ta' negligenza huwa wiehed suggettiv.
>
> *Di piu'* il-gurista **Sir Anthony Mamo**, fin-Noti tieghu, jistipula illi ghalkemm il-legislatur jonqos milli jaghti definizzjoni ta' dawn it-termini pero' "**it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances.**" Il-Professur Mamo kompli jsostni li **"the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen".**[140]
>
> Din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ' **Il-Pulizija vs Richard Grech'**[141] gie deciz li l-kuncett ta' traskuragni jimplika **"certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali."** Ghaldaqstant skond l-insenjament tal-gurisprudenza nostrana, li llum il-gurnata hija ormai wahda palesi, sabiex l-appellanti setghet tinsab hatja li saqet b' nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni, kien jehtieg li tali hsara tkun preveddibli, ghalkemm mhux prevista.
>
> Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet ' **Pulizija vs Perit Louis Portelli'**[142] gie stipulat li:
>
> **"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f' nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita b' ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju.**
>
> **Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f' kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal- kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata**

---

[139] Per Onor. Imhallef Edwina Grima, Deciza 28.02.2018
[140] Lectures in Criminal Law, Volume 1
[141] Deciza nhar il-21 ta' Marzu, 1996 per Onor. Imhallef V. DeGaetano
[142] Deciza nhar l-4 ta' Frar, 1961 per Onor. Imhallef J. Flores

**minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall- gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-11 t' Ottubru 2012 fl-ismijiet **: Il-Pulizija v Peter Stroud**[143], il-Qorti ccitat dak illi qal **Archbold** fil-*' Criminal Pleading, Evidence and Practice'*:

**"Where death results in consequence of a negligent act, it would seem that, to create criminal responsibility, the degree of negligence must be so gross as to amount to recklessness. . . Probably, of all the epithets that can be applied "reckless" most nearly covers the case ... but whatever epithet be used, and whether an epithet be used or not, in order to establish criminal responsibility, the facts must be such that . . . the negligence of the prisoner went beyond a matter of compensation between subjects and showed such disregard for the life and safety of others as to amount to a crime against the state and conduct deserving punishment..."**

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et**:[144]

"Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."[145]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza"[146] u kif jghid **Antolisei**, "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza,

---

[143] Per Onor. Imhallef M. Mallia

[144] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Onor. Magistrat Dr Natasha Galea Sciberras, 25.04.2014, Kump. Nru 609/1993

[145] **Carrara F.**, "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.

l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".[147] U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano**, "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."[148] Bl-istess mod, fissentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto".[149]

Skond l-imsemmija sentenza, "**Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn**.
[emfazi tal-Qorti]

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi "The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" ... What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (**Carrara,** Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.""[150]

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) **Il-Pulizija vs Alexander-Roger Manche** ntqal:[151]

---

146 **Dizionario Zingarelli,** (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", **Nicola Zingarelli** (Edizzjoni 12, Gunju
2001).

147 **Antolisei F**., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p. 366.

148 **Novissimo Digesto Italiano**, Vol. III, p. 548.

149 **Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg**, fuq citata

150 Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.

151 Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali; Per Onor. Magistrat Edwina Grima; Deciza 6 t'Awissu, 2013

Illi l-imputat jinsab akkuzat kif diga inghad iktar ‘il fuq bir-reat tal-omicidju involontarju. Illi madanakollu l-Qorti tistqarr illi dana il-kaz kien iktar kumpless minn kawzi ohra ta’ reati ta’ natura involontarja billi jitratta dwar allegat zball kommess minn professjonista fil-kors tal-ezercizzju tal-professjoni tieghu. Kwindi il-Qorti trid necessarjament tinvestiga mhux kwalsiasi eghmil maghmul minn bniedem fil-hajja ordinarja, izda eghmil ta’ natura professjonali u l-grad ta’ responsabbilta mistennija minn min ipprepara ruhu u ipprezenta ruhu biex jagixxi f’dik il-professjoni partikolari…….

Illi r-reat involontarju gie trattat b’mod kopjuz fil-gurisprudenza taghna u l-elementi li isawwru dana ir-reat gew studjat *funditus* fejn gie spjegat il-kuncett tal-kulpa fil-ligi Maltija. …….

Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma’ dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta’ preveddibilita’ u cioe’ illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b’diligenza tant illi b’tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista’ isehh l-event dannuz. Illi **Francesco Antolisei**, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghid hekk:

"***Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: “La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'.***"

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech** (21.03.1996), gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta’ ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta…….

Illi minn dina l-gabra ta’ dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta’ natura involontarja**:**

1. **azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti.**
2. **ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuza.**
3. **l-element tal-prevedibbilita’**

Ikkunsidrat,

Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputat:

1. kienx negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir tieghu.
2. jekk dana jirrizulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-agir tieghu u l-event dannuz.
3. jekk il-hsara kenitx wahda prevedibbli.

Ikkunsidrat,

**Provi Saljenti**

Illi mill-assjem tal-provi migjuba gew determinati s-segwenti rizultanzi processwali. Tenut kont li whud mill-konkluzzjonijiet huma ta' natura teknika, ser issir ukoll riferenza ghall-estratti mix-xhieda ezawrjenti moghtija mill-Prof. Torpiano kif ukoll ser jigu citati brani mill-konkluzzjonijiet tar-rapport tieghu.

Dan qed isir anke fid-dawl tal-fatt li l-Qorti tqis li ma ngabet l-ebda prova kuntrarja li gghelha tasal ghal konkluzjoni differenti ta' kif sehh l-incident u dwar dak riskontrat mill-Prof. Torpiano ghajr, kif gja` ntqal, dwar ir-responsabilita` tal-Perit Sant.

1. Fir-rapport tieghu l-Prof. Torpiano jghid:

   *"1. M'hemmx dubbju li* ***c-cediment ta' l-istruttura kien kawzat minn "punching shear failure" tas-saqaf fuq il-parkegg;****"*[152]*;*

2. Xehed li *"Din kienet tip ta' kostruzzjoni partikolari jghidulha flat slab, jigifieri ma jkunx hemm travi, u d-disinn irid isir fuq il-bazi tal-fatt li m'hemmx travi, u allura jrid ikun hemm certu rinforz fl-islab u certu tqassim ta' rinforz fl-islab. Kien car ghalija li kien gara kien falla, l-ewwel minn post wiehed imbaghad baqa' sejjer l-istruttura kollha, prattikament il-kolonni ghaddew minn gos-saqaf u ccattjaw taht, imbaghad ovvjament l-istruttura ta' fuq li kienet kumplikata u tqila, pero dik ikkolassat fuqha".*[153]

[152] Fol.355 tal-PV
[153] Fol.593-594

Il-Perit Torpiano kkonkluda li l-*flat slab* falliet ghas-segwenti raguni: *"Din kienet tistrieh fuq 16-il kolonna, u dawn il-kolonni, litteralment baqghu ghaddejin minn gos-saqaf. Dik ahna nsejjhulha shear failure. Issa, 'shear failure' tfisser illi fejn kien hemm il-kolonna mal-konkos, jew il-hxuna tal-konkos ma' kienx bizejjed jew ma' kienx hemm bizejjed hadid fuqha. U dik hija marbuta mal-kalkoli. Issa jiena tlabt kolkoli ta' dik id-dettal. Tad-disinn fejn kien hemm il-connection bejn il-kolonna u s-saqaf. Pero' l-aktar parti kritika hija fit-tarf. Ghax fit-tarf il-kolonna tiehu bicca biss mis-saqaf. Ma' jkollokx il-perimetre kollu. U dik il-parti ma' tahiliex. Dik kienet kritika ghax fil-konkluzzjoni tieghi,* ***minn hemm kienet marret l-ewwel darba****"* [154];

3. Jispjega dan dwar *email* pprezentata mill-Perit Farrugia (**Dok. H**[155] annessa mar-relazzjoni tieghu), u li saret riferenza ghaliha fil-kors tax-xhieda li taha l-istess Perit Farrugia quddiem il-Qorti debitament assistit:

   *"L-esponent ra' bir-reqqa il-kalkoli, u d-dizinji li, skont is-sottomissjoni tieghu, l-Perit Farrugia ghamel, u dawk li kkomunika lill-kuntrattur …… Dwar il-fenomenu tal-ghafsa madwar il-kolonni – "punching shear"- giet sottomesssa pagna wahda….li turi kalkolu ghal "punching shear" ta' kolonna interna ("internal column").* ***Ma jidhirx li hemm xi kalkolu ghall-ghafsa ("punching shear") fuq kolonna fit-traf tas-saqaf, fejn, kif gie spjegat qabel, dan jista' jkun aktar kritiku. ……... L-esponent ma sab l-ebda pjanta, jew istruzzjoni, li taghti xi dettal iehor dwar l-irbit bejn l-elementi diversi, u dwar kif kellhom isiru il-konnessjonijiet bejn dawn l-elementi****….."*.[156];

[154] Fol.702
[155] Fol.429-437 tal-PV
[156] Fol. 353-355

4. Gie emfassizzat mill-espert kemm il-kalkoli tal-parti li ggarrfet ma kienux skond is-sengha u l-arti: *"tlabt kjarifika, partikolarment fuq dak li ahna nsejhu sheer [recte:shear], jigifieri hija din il-parti tal-mekkanizmu fejn il-kolonni u s-soqfa hemm interaction bejniethom partikolari, xtaqt saqsejt li nara l-kalkoli tas-sheer, u rcivejt xi haga. Onestament hassejt li* ***professjonalment ma kontx konvint minn dawk il-kalkoli ta' dik il-parti. ......Ghax meta tikkalkula trid taghmel certu assumptions li huma ragonevoli.*** *Mela meta inti jkollok kolonna, u ghandek is-saqaf fuqha, dik ghandha perimiter shih biex, nghidulha s-sheer strength taghha. Mela kollu l-perimiter jirrezisti din l-ghafsa. Jekk inti jkollok il-kolonna fit-tarf ghandek perimiter li ma jezistix. Jekk inti terga, kif gara, s-saqaf tpoggieh fuq nofs il-kolonna, ghandek perimiter hafna hafna inqas, u* ***hemmhekk illi sar l-izball. Inti ma tistax taghmel il-kalkoli fl-ufficju tieghek u tghid isma jien qed nassumi ha jaghmel hekk, meta fir-realta' jew trid tghidlu taghmilx mod iehor, jew inkella trid ticekkja. Hemmhekk dak is-sens il-kalkoli ma hadux in konsiderazzjoni dan l-aspett.****"*[157]*;*

5. **Nuqqas iehor tal-Perit Farrugia riskontrat kien in-nuqqas ta'** ***drawings*** **li setghu ghenu biex il-kuntrattur jifhem dak rikjest minnu:** *"Ahna ma' sibniex sura ta' drawings. Minn hadd, ghall-parti li waqqhet.* ***…. Fuq il-parti li waqqhet, lanqas biss kien hemm drawings. Ahseb u ara kienu nbghatu. Ma' kienx hemm drawings, ….Kien hemm messaggi fuq l-email, tiprova tifimhom, jiena ma' fhimthomx…… … bhala professjonist, il-Perit Farrugia mhux biss kellu jaghmel il-kalkoli, ma' kellux jibghat il-kalkoli lill-kuntrattur, kellu jibghat id-drawings ghax il-kalkoli ma' jifimhomx il-kuntrattur. U d-drawings, dawk li rajna ahna, ma' kienux jiftehmu sew. U nahseb li kien obbligu tieghu illi jkun cert illi jigu miftehma u mbghad ikun cert illi jigu esegwiti kif***

[157] Fol.603

***miftehma.";***[158] Jishaq dwar l-importanza li Farrugia kellu jaghmel *drawings* biex ikun zgur li dawn jinftehmu *"Kif taf fejn ser tpoggih, jekk ma' jkollokx drawing … Fejn taf li din trid tpoggiha hawn u din trid tpoggiha fuq u din trid tpoggiha x' imkien iehor? Kif tafha? Jekk ma' jkollokx drawings."*[159].

Kien jinkombi fuq il-**Perit Farrugia jaccerta ruhu li l-kalkoli tieghu jigu esegwiti kif determinat minnu** propju *"Ghaliex hu ghamel il-kalkoli. U jaf id-dettal kif irid ikun. Wiehed jaghmel il-kalkoli jaf l-assumptions li ghamel.* ***Allura bilfors irid ikun cert li dak l-affarijiet jinbnew skond l-assumptions li ghamel….*** *Jekk nista nzid maghha, dina hija propja dak li gara fuq il-kolonni tat-tarf. Ghaliex jekk hu ghamel assumption, ha niehu ezempju, jekk hu ghamel assumption li l-kolonna u s-slab ser ikunu hekk, allura hemm certu area li tirrezisti [Qorti: Hawnhekk ix-xhud qieghed jaghmel ic-cirkoferenza ta' tazza mal-bottom left corner tat-tablet. ]..Fir-realta`, l-kuntrattur ghar-ragunijiet ta' kostruzzjoni tieghu, kien qed jaghmilhom hekk. [Qorti: U hawnhekk, issa x-xhud, qed iressaq it-tazza l barra biex tidher parti minnha mhux qed isserrah mal-qiegh tat-tablet.] … Jekk kienet hekk u kien hemm certa area li tirrezisti, issa saret hekk. Ghax qed jikkalkula li l-quddiem ser jaghti s-soqfa l-ohra, li jmissu. Imma hemmhekk il-komunikazzjoni fejn design and build trid tahdem. U ma' hadmitx."*[160];

6. Inghad ukoll li *"Pierre Farrugia spjegalna li r-rwol tieghu kien semplicimenti li jaghmel il-calculations u jaghti instructions lil kuntrattur biex isiru d-drawings. Jiena harist lejn it-tip ta' instructions u deherli li <u>kienu ftit difficli biex wiehed jifhem dawn l-instructions by e-mail</u> biex wiehed ikun car, habba li hija struttura partikolari, x'ghandu jsir[Farrugia baghat l-instructions lill-kuntrattur]. ……* ***meta taghmel dawn it-tip ta' strutturi ma tistax tibghat***

[158] Fol.691-692
[159] Fol.713
[160] Fol.713-714

***instructions by e-mail u ma ticekkjax jekk almenu a) giex miftiehem, u b) giex mibni kif minghalik****. Ghax filfatt hekk gara"*[161]*;*

7. ***"Il-Perit ghandu responsabbilta' illi l-affarijiet jigu esegwiti skond l-instructions tieghu.*** *Kieku l-instructions tahom cari u xi hadd injorhom nghid isma xi hadd injorhom, imma a) trid tkun cert li l-instructions huma cari u b) trid tara li jigu esegwiti. U min ha jaghmilha mhux daqshekk, irid ikun hemm xi hadd li jaghmilha"*[162]*.*

   Fit-trattazzjoni finali l-abbli difensur tal-imputat Farrugia taghmel riferenza ghall-fatt li kienet qed issir kommunikazzjoni kif jixhdu l-*emails* u dokumentazzjoni ohra li l-Perit Farrugia kien qed jibghat lil Periti Dirk Psaila u Reuben Gatt. Madanakollu kif gja intqal aktar il-fuq il-Perit Psaila jichad li DTR qatt kellha xi sehem f'kalkoli jew disinn. Kienu jigu infurmati biss b'dettalji mill-Perit Farrugia sabiex ikunu f'posizzjoni jaccertaw rwiehom mill-gholi tal-madum u l-hxuna tal-kolonni biex jaccertaw rwiehom li ma kienx hemm htiega li jsiru alterazzjonijiet fil-pjanti sottomessi mal-MEPA. Silvio Debono innifsu jiddikjara li DTR ma kienux inkarigati jiccekjaw il-kalkoli li kien qed isiru mill-Perit Farrugia.[163] Minn naha tieghu l-Perit Reuben Gatt jeskludi li kien responsabbli ghall-ezekuzzjoni tal-istruttura. Dan jigi kkorroborat anke mill-Prof. Torpiano meta jezonera lil Perit Gatt minn kwalunkwe responsabbilita` ghall-kollass.[164]

8. Mhemmx dubbju li l-Perit Farrugia naqas li jezercita d-diligenza mistennija minnu bhala Perit ta' struttura daqshekk massicca meta

---

[161] Fol.596;
[162] Fol.598
[163] Fol.237
[164] Fol.600

baghat biss kalkoli b'*emails* biss minghajr ma jaccerta ruhu li qed jinfthiem.

Il-kalkoli skond l-Professur Torpiano: *"**ma nghatawx b'mod li jinftehmu ghaliex inghataw b'e-mails**, ..... hija riskjuza li taghmel instruction ta' dak it-tip, electronic only. Ghalhekk ghidt fir-rapport isma l**-instructions ma kinux cari,** **allura kemm min taha l-instructions fl-opinjoni tieghi m'ghamilx sew, u kemm min ircieva l-instructions jekk ma kienx qed jifhimhom missu jitkellem ukoll.**".*[165] *Jirrimarka kemm kien imprudenti li l-affarijiet saru b'dan il-mod minn Farrugia: "fi progett bhal dan, ma' titlobx informazzjoni fuq email, b' sentenza. L-hadid ser ikun hekk. Il-hadid ser ikun hekk, ma' jistax ikun. ….Ghaliex tista tigi miftiehem hazin. Il-hadid mhux kemm hu. Fejn na nqieghdu, kemm ha taqtghu. Fejn pozizzjoni fis-saqaf. Jigifieri propja dik hi l-qofol. L-informazzjoni ma' tfissirx li ghamilt il-kalkolu u sibt li hemm bzonn ……….Trid tpingihom ezatt fejn iridu jkunu. …..Ir-rwol skont il-kuntrattur, kien li kellu jaghmilhom Pierre Farrugia. Skont Pierre Farrugia, ma' kienx hu. Kellu jaghmilhom il-kuntrattur*[166]*….. rwol fid-disinn tal-istruttura li kienet f' idejn il-Perit Farrugia."*[167]*;*

9. Il-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzzjoni tal-Prof. Torpiano dwar kif l-Perit Farrugia kien negligenti u naqas mid-diligenza mistennija meta kien **jinkombi fuqu bhala Perit jaccerta ruhu li dak li kien qed jibghat kien qed jinfthiem propju minn min kien ingaggah ghal dak ix-xoghol u li kellu jesegwih**:

   *"4. Ir-rwol tal-Perit Farrugia, bhala disinjatur strutturali, kien importanti. Imma il-Perit Pierre Farrugia jsostni li r-rwol tieghu kien limitat li jaghmel*

---

[165] Fol.605
[166] Fol.686
[167] Fol.685-686

*kalkoli strutturali fl-ufficju tieghu, u jibghat dizinji, jew pjanti strutturali ("schematics") b'email, minghajr ma* ***kellu d-dover li jassigura li l-pjanti, li huwa jsostni kellhom isiru mill-kuntrattur, fuq il-bazi ta' dizinji skematici tieghu, kienu, l-ewwel nett, isiru; u t-tieni, li dawn kienu juru, b'mod korrett, dak li kien mehtieg skond id-dizinn tieghu; u fl-ahhar nett li l-kuntrattur kien qieghed jezegwixxi x-xoghol skont l-istess indikazzjonijiet tieghu.*** [168] ……………….***Il-pjanti li l-Perit Pierre Farrugia baghat lill-kuntrattur ma kienux cari bizzejjed, u, kif gara fis-saqaf adjacenti, il-kuntrattur seta' facilment jiehu zball, jew ma jifhimx xi haga, u jhalli xi Hadid barra. Il-Perit Pierre Farrugia assuma li l-istruzzjonijiet li huwa baghat kienu se jigu interpretati minn professjonist iehor****, u li fuqhom kienu ser isiru pjanti sura, biex* ***il-kuntrattur*** *ikun jista' jibni b'mod korrett – imma* ***ma kienx ivverifika dan, fil-fatt, kien qed issir. Interpretazzjoni hazina, jew inesperta, ta' l-indikazzjonijiet tieghu setghet twassal, kif fil-fatt wasslet, ghall-zbalji, u cediment strutturali. Istruzzjonijiet importanti, bhal grad ta' konkos mehtieg, ma kienux kommunikati b'mod car u inekwivoku, imma xi kultant fuq i-pjanti, bil-kemm jidhru, xi kull tant b'email, u xi kultant b'telefonata***[169].

10. Ghalkemm il-Perit Farrugia jixhed li kien ikollu laqghat u telefonati ma Gatt u l-kuntrattur, u fin-nota ta' sottomssjonijiet tieghu jerga' jaghmel riferenza ghal dawn il-laqghat u diskussjonijiet,[170]<u>baqghet ma ngiebet l-ebda prova dwar dan anzi l-provi wrew il-kuntrarju.</u>

Fil-fatt **Anthony Mark Barbara,** *draughtsman* fl-ufficju tal-Perit Farrugia, jixhed li kien prezenti ghall-konversazzjoni bejn Etienne Bartolo u l-Perit

---

[168] Fol.357
[169] Fol.358
[170] Fol.1466

Farrugia meta dan tal-ahhar irrimarka ma Bartolo li fejn rrizulta l-qsim fis-saqaf ta' taht l-*indoor pool,* suppost kien hemm *extra top reinforcement*. Etienne wiegeb li kull ma kellu kien *top & bottom reinforcement* minghajr dawk il-vireg. Farrugia insista li kien baghtlu *A-CAD drawing* li fiha kellu extra top reinforcement fuq il-kolonni. Bartolo merieh izda wara l-Perit nizzel l-*email* bid-*drawing* ta' dak is-saqaf fejn kien jidher dak il-hadid ta' taht is-*swimming pool*.[171] Evidenza cjara dwar kemm ma kienux iddiskutew dak li ntbghat!

11. Konferma ohra dwar in-nuqqas ta' kommunikazzjoni bejn il-Perit Farrugia u l-kuntrattur temana mill-affidavit ta' Silvio Debono datat l-20 ta' Lulju, 2012. Debono jsemmi kif fil-hin li l-Perit Torpiano kien qed josserva l-post fejn gara l-incident, gibidlu l-attenzjoni *"biex il-gakkijiet ta' taht is-saqaf tal-indoor pool ma jnehhuhomx anzi nzidu aktar ghaliex jista' jkun il-kaz li hemm l-istess problema bhal tan-night club. Dak il-hin gbidt l-attenzjoni lill-kuntrattur Etiene Bartolo u lill-engineer Pierre Farrugia x'kien qalli l-Professur Torpiano u tlabt lill-kollega tieghi Romano Tabone biex jispezzjona minn that jekk hemmx xi movimenti. Iktar tard cempilli u qalli li ra konsenturi. Cempilt lil engineer tal-istruttura il-Perit Pierre Farrugia u l-kuntrattur Etiene Bartolo biex jigu urgenti u jispezzjonaw x'kien ra Romano Tabone. X'hin wara telghu l-ufficju hdejja u minn diskursata li kellhom bejniethom sirt naf illi l-kuntrattur maghmilx il-hadid li qallu l-Perit Pierre Farrugia. Ghax qallu "li ma rcivhomx minn ghandu dawk il-pjanti". Il-perit urieh l-emails bil-pjanti li kien badt [sic] lil l-istess Etiene Bartolo u li kienu kkonfermati li rcivewhom[sic]. L-ghada filghodu l-Perit Pierre Farrugia qalli li cempillu Etiene Bartolo u kkonfermalu li -pjanti veru kienu rcivewhom."*[172]

---

171 Fol.319-320 tal-PV

172 Fil-faxxikolu **Dok.SV**. Vide riferenza ghal dan l-affidavit fil-lista ta' dokumenti annessi mar-rapport tal-Perit Richard Aquilina a fol.323

12. Il-Perit Farrugia xehed: *"**ma kontx tajt method statement** lill-kuntrattur dwar kif kellha tinbena din l-istruttura. **Jien ma kontx issorveljajt il-kostruzzjoni u ghalhekk ma nistax nikkonferma jekk dak li nbena sarx skond id-disinn tieghi.** Id-disinn tieghi jien kont tajtu lill-kuntrattur biss**....sa fejn naf jien** **il-kuntrattur kien kapaci jifhem il-kalkoli u l-istruzzjoni li jien tajtu.....".***[173] Imbghad fl-affidavit minn tieghu jammetti*"Dawn l-istruzzjonijiet ghas-saqaf ta' taht in-night club jidhru fid-drawing tieghu[sic] Top Reinforcement T1 & T u Additional Top Reinforcement. Jien nikkonferma illi meta ffirmajt il-kuntratt ma B&B jiena kont specifikatment ghedtlu li l-working drawings kellu jaghmilhom il-kuntrattur fuq struzzjonijiet minghandi. Ma kienx mifthiem xi approval minn naha tieghi. Jien ma nafx min suppost ghamel dawk id-drawings. Nenfasizza li r-rwol tieghi kien li naghmel l-istructural design."*[174] Hu l-istess drawing li Prof. Torpiano riskontra bosta nuqqasijiet dwaru kif gja intqal aktar il-fuq.

13. Il-Qorti tirrimarka li lanqas dak dikjarat mill-Perit Farrugia rigward x'kien jkopri l-fethim bejnu w l-kuntrattur ma gie kkoroborat. Il-'ftehim', jekk sentenza wahdanija tista' titqies bhala xi xorta ta' ftehim idoneju ghall-progett ta' dan il-kobor, ma jaghmel l-ebda riferenza ghall-xi limitazzjoni fl-**obbligi tieghu bhala perit**. Mhux tali din id-dikjarazzjoni minn Farrugia ma ssib l-ebda korroborazzjoni izda hi kontradetta ghal darb'ohra minn dak li jixhed Silvio Debono*"Il-Perit Sant, ir-rwol tieghu baqa' li jibghat perit u draughtsman fuq is-sit, fuq bazi ta' kuljum u cioe` Site Supervisor u jiccekjaw li d-disinn jigi esegwit u mhux **il-kalkoli tal-Perit Pierre Farrugia**…. Jien laqqajt il-kumpanija maghzula mal-Perit Farrugia li kien l-engineer ta' B&B **biex flimkien jaraw kif kienu sa jahdmu**.".*[175]

[173] Fol.285-286 tal-PV
[174] Fol.314-315 tal-PV
[175] Fol.237

Ghalhekk is-sottomissjonijiet tal-Perit Farrugia li kellu ftehim mal- B&B li ma jaghmel l-ebda *working drawings,* kif ukoll li l-istruzzjonijiet tieghu kienu qed jigu b'xi mod *vetted* mill-Perit Dirk Psaila,[176] baqghu ma gewx sostanzjati bi provi sal-grad rikjest mid-difiza.

14. Anzi il-Perit Dirk Psaila jiddikjara propju il-kuntrarju: *"**jien qatt ma rcevejt emails diretti ta' pizijiet** u hekk imma **kollox ghadda through ovvjament jew il-B&B jew Pierre Farrugia, iktar minn Pierre Farrugia ghax imbaghad kien baghat certu alterazzjonijiet fid-disinn u f'certu turgien minn naha tieghu….**[177] [kommunikazzjoni dwar dawn id-dettalji] **kienet tkun bejn il-kuntrattur u l-Periti u l-konsulenti taghhom ghax huma flahhar mill-ahhar kienu qed jaghtu d-dettalji biex jibnuha**….Jigifieri jaghmel analizi tal-pizijiet li ser ikunu, jikkalkula l-kolonni kemm ha jkunu kbar bl-ezatt, x'sahha ha jkollhom, x'hadid ser ikun hemm u ovvjament johrog il-final drawings biex il-kuntrattur jew min ikun fis-sit qed jibni ikun jista' jibni skond dawk id-drawings …..**Dawk id-drawings kienu jinhargu internament mill-B&B ghall-kuntrattur tieghu imma strutturalment kienu johorgu minghand Pierre Farrugia…..".***[178] Issemmi li hu minnu li DTR gew mghoddija d-disinn finali tad-*dome* izda dan kien ghaliex riedu jikkonfermaw l-hxuna tas-saqaf u l-gholi tal-kolonni *"Din il- line of communication li kien ikollna ahna mal-Perit tal-B&B kienet illi l-Perit Pierre **Farrugia kien jghaddi d-drawings strutturali u l-kalkolazzjonijiet u informazzjoni lil B&B,** ahna mal-B&B, l-unika li kellna bzonn nikkonfermaw li jaghtina disinn ta' kemm ser jigi ohxon is-saqaf, ta' kemm ha jigu gholjin il-kolonni"*[179].

---

[176] Vide ukoll fol. 1466
[177] Fol.1087
[178] Fol.1088-1089
[179] Fol. 1091. **Dok. DP1** a fol. 1135-1140

15. Ta' rilevanza wkoll hi d-definizzjoni ta' "disinn" li tinkludi wkoll id-drawings. L-artikolu 2 tal-***Att dwar ir-Regolament tal-Bini,*** Kapitolu 513 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi:

> "disinn" tinkludi <u>l-preparazzjoni ta'</u> **<u>pjanti, dettalji, skizzijiet, speċifikazzjonijiet, kalkoli u kull twettiq ieħor</u> ta' għan li abbażi tagħhom jiġu eżegwiti l-kostruzzjoni**, l-estensjoni, it-tibdil, it-tiswija jew it-tiġdid involuti, iżda m'għandhiex tinkludi affarijiet dwar l-ippjanar tal-iżvilupp, disinn urban u estetika, u "iddisinjat" għandha tiftiehem kif hawn f'din it-tifsira;[180]

16. Ikompli ***"fl-ahhar mill-ahhar, il-Perit Farrugia kellu obbligu akbar li jaghmilhom b'mod li jiftehmu u li jallertjah ukoll".***[181] Jattribwixxi nuqqas ukoll lil Etienne Bartolo li kien qed ipoggi l-hadid fuq is-sit *"jiena gbidt l-attenzjoni ghall-fatt illi skont ix-xhieda tieghu,* ***Etienne Bartolo, lanqas hass il-bzonn illi jistaqsi lil xi hadd jara kif qed iqassam il-hadid****. Hu stess qal fix-xhieda tieghu, …"*[182]*;*

17. Fil-fatt Etienne Bartolo jikkonferma li hu bhala <u>*general manager*</u> tal-B&B Construction Ltd., kien ikun ta' spiss fuq is-sit izda ma dahalx f'kalkoli u l-ezekuzzjoni tax-xoghol kienet qeghda issir minn perit iehor.[183];

18. Bartolo jikkonferma wkoll li *"**Jien kont imur fuq is-sit u nindika fejn kellu jitqieghed il-hadid .....**Biex nindika dan kont nuza l-istess pjanti u dan qed nirreferi ghall-flat slab u t-travu t-tond**....Il-hadid fuq il-post, sa fejn naf jien, kont niccekjah jien u jien ghamiltu** skond l-informazzjoni li dehret fil-pjanti."* **[184]*;***

---

180 "design" includes the **preparation of plans, particulars, drawings, specifications, calculations** and other expressions of purpose according to which the construction, extension, alteration, repair or renewal concerned are to be executed, but shall not include matters relating to development planning, urban design and aesthetics, and "designed" shall be construed accordingly;

181 Fol.701

182 Ibid.

183 Fol.1056

184 Fol.298 tal-PV

19. **Amante Bartolo**, *foreman* mal-B&B Construction Ltd., xehed li *"Il-qisien tal-armar jaghtihulna Etienne u wara jgibulna l-hadid li jitqieghed fil-lok. Dak il-hadid ikun immarkat u **Etienne jghidilna fejn dak il-hadid ikun sa jitqieghed**."*[185];

20. Jirrizulta li ***"Il-kuntrattur ma fehemx li din kienet struttura partikolari,*** *fl-istruttura adjacenti ma fehemx li kellu jsir certu hadid, u jiena nahseb illi ghax dik kienet veru, hemmhekk tigri you have slab failure ghaliex ma jkunx hemm il-hadid fuq il-kolonna, fuq il-kolonna mhux mall-genb tal-kolonna, allura qed tiddependi fuq is-sahha tal-concrete biss, u allura zball ta' dak it-tip minn xi hadd li ma jifhimx xi tfisser flat slab, huwa potenzjalment perikoluz li filfatt dak li gara.* ***Il-kuntrattur missu tkellem jekk ma fehemx****"*[186];

21. Meta l-kuntratt *Design & Build* sar mal-kuntratturi s-*single point responsibility* li tissemma fil-kuntratt ghaddiet ghal fuq il-kuntrattur. *"Ghalhekk jien naghmel osservazzjoni fejn nahseb li l-kuntrattur ukoll ghamel zball, ghax ma jistax johodha dik ir-responsabbilta' hu. Hu m'ghandux warrant biex jiehu r-responsabbilta' ghal disinn strutturali.... . Jiena fl-opinjoni tieghi design and build contract fuq din il-bazi bil-kuntrattur jiffirma u jghid jien ha naghmel design, huma kontra l-ligi. Ma tistax. Ghax jekk ma tifhimx ma tistax tiffirma haga, taghmel xi haga li ma tifhimx fiha."*[187];

22. Dwar ir-responsabilita` ghall-kollass jinghad: *"fil-konkluzjonijiet tieghi ma ghidtx li kien tort ta' persuna wahda pero ghidt li isma kien hemm diversi fatturi u diversi atturi li kellhom tort parzjali. The bottom line hija li ma kienx hemm car x'inhuma r-rwoli tal-personaggi fiha, u allura hadd ma ha*

[185] Fol.303 tal-PV
[186] Fol.596
[187] Fol.611

*responsabbilta' li l-instructions ikunu tajbin u li jigu esegwiti b'mod tajjeb, u kien hemm tragedja, dik il-konkluzjoni tieghi..... L-affarijiet li semmejt li marru hazin setghu jigu evitati, jigifieri setgha jkun hemm car min kellu jaghmel xiex"*[188].

23. Issir riferenza ghall-ahhar konkluzzjoni tal-Prof. Torpiano: ***"Fi kwalunkwe kaz, il-Perit Pierre Farrugia jidher li ma ghamilx kalkoli ezawrjenti dwar il-problema ta' l-ghafsa ("punching shear"),*** *li hija konsiderazzjoni important hafna fi "flat slab construction",* ***jew li ma ivverifikax li dak li kien qieghed jassumi fl-ufficju tieghu, dwar il-qabda tas-saqaf mal-kolonni, kien fil-fatt qieghed isir. Ma jidher lanqas li l-Perit Farrugia kien ta xi struzzjonijiet dwar din il-qabda lill-kuntrattur qabel ma ceda s-saqaf, jew li ta struzzjonijiet partikolari dwar x'kellu jigri meta jiltaqghu l-elementi strutturali flimkien, jigifieri travi ma kolonni, kolonni mas-saqaf. Ir-rizultat ta' dan kien li l-istruttura ma kelliex dak l-irbit li jevita kollass katastrofiku, kif fil-fatt gara"***.[189]

Ikkunsidrat,

***<u>Konkluzzjoni</u>***

Fid-dawl tal-gurisprudenza enuncjata u mir-rizultanzi processswali li saret riferenzja ampja ghalihom, mhemmx dubbju li l-ewwel imputazzjoni giet ampjament ippruvata fil-konfront tal-imputati Bartolo u tal-Perit Farrugia.

---

[188] Fol.596-3-596
[189] Fol.357-358 tal-PV

Kienet in-negligenza u l-imprudenza taghhom meta naqsu milli jaccertaw rwiehom li:

i. fil-kaz tal-**Perit Farrugia**, dak mibghut minnu kien qed jinfthiem u li l-istruttura kienet qed tinbena skond l-*assumptions* u l-kalkoli li ghamel.
ii. fil-kaz tal-**kuntrattur u senjatament Etienne Bartolo**, dawn kellhom id-dmir li jassiguraw rwiehom li kienu qed jifhmu kif kellu jsir ix-xoghol. **Etienne Bartolo** kellu l-obbligu jassigura li qed jifhem kif kellu jitpogga' l-hadid u li kien qed isegwi korrettament dak li gie indikat lilu li kellu jaghmel.

In-negligenza w l-imprudenza ta' dawn il-persuni wasslet sabiex l-istruttura li kienet qed tinbena spiccat ma nbnietx skond l-arti u s-sengha, tant li kkollassat u hassdet il-hajja ta' zaghzugh Maksims Artamonovs. Hu nuqqas serju da parti ta' dawn il-persuni li ma pprevedewx dak li fil-fatt gara meta **naqsu milli jassiguraw rwiehom li l-istruttura kienet qed tinbena bl-istabbilita` mehtiega, pprosegwew bix-xoghol kull wiehed jahdem ghal rasu minghajr l-icken sembjanza ta' sinergija**.

Jidwi l-provverbju Malti ***"il-mistoqsija oht il-gherf"*** ghaliex dak kull ma kien hemm bzonn! Li **wiehed jistaqsi jekk kienx qed jifhem jew jigi mifhum!** Kemm kien faccli li l-Perit Farrugia li kien qed jahdem fuq il-parti l-antika tal-lukanda, jaghti titwila ghal mod kif kienet qed tinbena l-istruttura mill-kuntrattur u jikkonstata personalment jekk din kienitx qed tinbena skond dak li ddissinja u pprogetta hu; kemm kien faccli li jaccerta ruhu jekk il-premessi li bbaza l-kalkoli fuqhom kienux korretti. **Bhala perit risponsabbli ghad-disinn tal-istruttura ma kien mistenni xejn anqas minnu!!** L-artikolu 2 tal-*Att dwar ir-Regolament tal-Bini,* Kapitolu 513, li saret riferenza ghalih ftit qabel,

jiddelinja dak mistenni minn 'disinn' u konsegwentement mill-awtur inkarigat li jipproducieh.

Il-kuntrattur minn naha tieghu gidem aktar milli felah joghmod u bi prezunzjoni liema bhala fejn minghajr ma ndennja ruhu jivverifika kif kien qed jizvolgi x-xoghol u jekk dan kienx qed issir skond is-sengha, assuma li kien jifhem meta ma kienx! Mal-iffirmar tal-kuntratt *Design & Build* assuma fuqu responsabilita` ahharija ghall-kostruzzjoni tal-progett, u ghalhekk kien **jinkombi fuqu obbligu akbar jassigura li dak li kien qed jibni kien qed jinbena bl-istabbilita` rikjesta minghajr riskji ghall-terzi**.

Mhemmx dubbju li n-nuqqasijiet tal-kuntratturi Bartolo u tal-Perit Farrugia hallas ghalihom qares intortament Maksimx Artamonovs. Kienet it-traskuragini u l-imprudenza taghhom li wasslet biex l-istruttura tinbena b'mod difettuz ghall-ahhar, tikkolassa u tordom zaghzugh.

It-tragedja f'dan il-kaz hi amplifikata mill-fatt innifsu li kien propizju li l-istruttura ma cedietx meta l-lukanda kienet bdiet topera ghaliex il-konsegwenzi kienu jkunu ferm izjed katastrofici.

Ikkunsidrat,

**Responsabilita` Vikarja u/jew Personali**

Il-Qorti trid issa tiddetermina jekk l-imputati Angelus u Etienne Bartolo ghandhomx jirrispondu ghan-nuqqasijiet riskontrati fil-kapacita` vikarja taghhom, tenut kont tal-irwol taghhom f'B&B Construction Ltd., jew fil-kapacita' personali taghhom.

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li Angelus Bartolo kien b'xi mod esegwixxa xi xoghlijiet fuq l-istruttura. Kwistjonijiet relatati mal-progett kienu jigu diskussi ma haddiehor izda mhux mieghu. Ghalhekk ma giex pruvat sal-grad rikjest li dan ghandu jwiegeb ghat-traskuragini riskontrata mill-kumpanija inkarigata fil-kapacita`personali tieghu.

**Dr. Claudette Fenech** in rapprezentanza tal-registratur tal-kumpaniji, xehdet[190] u pprezentat il-*Memorandum and Articles of Association* ta B&B Construction Limited (C5418).[191] Jirrizulta li Angelo Bartolo kien l-uniku **direttur** fi hdan dik il-kumpanija.[192] Dawn id-dokumenti gew kkonfermati mill-P.L. Quentin Tanti.[193]

Minn naha tieghu Etienne Farrugia jixhed li hu kien il-***general manager*** tal-kumpanija imsemmija. [194] Iktar minn hekk Etienne Bartolo jixhed li kien hu li kien jaghti struzzjonijiet fejn kellu jitpogga' l-hadid; fatt konfermat minn Amante Bartolo, l-*foreman*. Mhemmx dubbju ghalhekk li Etienne Bartolo ghandu jwiegeb ghan-negligenza riskontrata kemm fil-kapacita` tieghu personali kemm minhabba ir-responsabilita` vikarja tieghu bhala *general manager* tal-B&B Construction Ltd.

Issir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Daniela Debattista**:[195]

> Maghdud dan allura xejn ma kien josta lill-Ewwel Qorti illi tapplika d-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 13 ta'l-Att dwar l-Interpretazzjoni sabiex issib htija fl-appellanti billi ma jidhirx illi giet imsejjha

190 Fol.499

191 Fol.491. Ezentata mili terga tixhed wara l-qari tal-akkuza mill-gdid hekk kif jirrizulta mill-verbal tal-31 ta' Jannar, 2017 a fol. 524

192 Fol.495 *tergo*

193 Fol.649-650

194 Fol.1032

195 Appell Nru: 498/2015 per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Deciza 16.11.2016

biex tapplika xi responsabbilita penali fil-konfront tal-korp maghqud. Il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-appellanti illi l-artikolu 13 tal-Kap.249 ma isibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina u dan ghaliex l-istess disposizzjoni tal-ligi hija cara fid-dicitura taghha u tapplika ghal kull reat minghajr ebda distinzjoni, u mhux kif donnha qed tikkontendi l-appellanti.

Issa l-appellanti tipprova tistahba wara l-fatt illi kien huha Glenn Debattista li kien imexxi il-kumpanija JG Rentals Limited u li hija ma kellhiex x'taqsam fil-gestjoni ta' dik il-kumpanija, u ma kenitx a konoxxenza tal-qaghda finanzjarja imwieghra tal-kumpanija. Dan x'aktarx sabiex tibbenefika mill-"iskuzanti" li titkellem dwaru l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni fejn allura jekk il-persuna akkuzata tipprova id-diligenza taghha hija tahrab mir-responsabbilita penali. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-linja difensjonali u dan ghaliex meta l-appellanti accettat li tidher bhala direttur ta' din is-socjeta, fatt mhux inkontestat, hija dahhlet responsabbli ghal l-azzjonijiet jew ommissjonijiet maghmula minn dak il-korp maghqud. Fil-vesti taghha ta' direttur allura giet mitfugha fuqha ir-responabbilita penali ghal kull att jew ommissjoni maghmula minn dak il-korp maghqud u li ikun sar a beneficcju ta'l-istess, anke jekk hi personalment ma tkun ghamlet l-ebda qliegh. Illi l-appellanti setghet tahrab mir-responsabbilita penali biss jekk hija jirnexxielha tipprova illi imxiet bid-diligenza u issorveljat l-agir kollu tal-kumpanija u allura ma setatx tevita li isir r-reat. Din il-prova kienet tinkombi fuqha, haga li naqqset milli taghmel, izda ghal kuntrarju bil-fatt illi hija iddikjarat illi kienet qed tagixxi biss bhala *prestanome* ta' huha u xejn izjed kienet qed tammetti illi hija ma kenitx qed taqdi id-dmirijiet taghha bhala direttur, izda kienet qed toqghod lura u thalli lil haddiehor ighaffeg wahdu minghajr ebda kuranza ghal dak li kien qed jigri.

Riferenza issir ukoll ghas-sentenza, kwotata aktar il-fuq, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Bezzina et.**[196]

Indubbjament ghalhekk hu applikabbli l-artikolu 13 tal-***Att dwar l-Interpretazzjoni***, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-konsegwenzi kollha li dan l-artikolu jimporta kompriz, f'certi kazi l-inversjoni tal-oneru tal-prova, u cioe` li, una volta jigi stabbilit li l-incident ikun gara tort tal-korp jew ghaqda ta' persuni, ikun jinkombi fuq l-imputat partikolari li jipprova li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu w li hu kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat. Dan apparti kull negligenza, nuqqas ta' hila fl-arti jew is-sengha tieghu, jew naqqas ta' tharis tar-regolamenti minn naha tieghu personalment, li jistghu talvolta jirrizultaw f' dan il-kaz.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Kevin Bonnici, Paul Demicoli, Paul Magro** intqal:[197]

---

[196] Onor. Imhallef Dr Edwina Grima; Deciza 19.11.2015, Appell Krim Nru. 463/2012

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ezercizzju ta' diligenza xierqa biex tevita l-ghemil ta' reati mill-kumpanija, jimplika necessarjament sorveljanza adegwata tal-affarijiet tal-kumpanija sabiex jigi assikurat li l-kumpanija tottempera ruhha mal-ligi. Jekk direttur ta' kumpanija jonqos milli jissorvelja adegwatament l-affarijiet tal-kumpanija, dan certament qatt ma hu ser ikun jaf bl-ghemil doluz tal-kumpanija w ghalhekk, ghalkemm jkun jista jipprova li hu ma kienx jaf bil-kommissjoni tar-reati mill-kumpaniji, huwa jonqos milli jipprova li jezercita diligenza xierqa sabiex r-reati ma jsirux. Id-direttur ta' kumpanija ma jistax jghalaq ghajnejh ghal dak li qieghed jigri fil-kumpanija biex wara jghid *ma kontx naf* u b'hekk facilment jezimi ruhu mir-responsabbilita. Ghalhekk il-ligi tirrikjedi u tesigi li d-direttur li jezercita sorveljanza attiva u kontinwa biex jara li l-kumpanija tottempera ruhha mal-ligi.

Fil-fatt dwar x'tip ta' diligenza irid jezercita d-direttur, **Smith & Hogan** fil-ktieb taghhom ***Criminal Law*** jghidu:

> "*The degree of care is the average or normal degree of care expected from the particular individual and it is not a superlative degree of care. That is, the reasonable man is not he who is most reasonable, but just the normal type of reasonable man. The law requires not that who is extraordinary but that which is reasonable, that is, that diligent which from Roman times has been known as the "diligentia bonus paterfamilias."*

Ghalhekk d-direttur mhux responsabbli ghal dak kollu li jigri fil-kumpanija izda jekk jiehu hsieb li jkollu l-infrastruttura tajba u jiehu hsieb li jimpjiega esperti f'certi oqsma tax-xoghol u dan nonostante jigri incident, id-direttur m'ghandux jinzamm responsabbli.

Fil-fatt, kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Hugh David McCandie** *nhar l-ewwel ta' Settembru, 1983 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*:-

"*Such criminal responsibility is not absolute and the main officer of a company can plead non answerability if he can prove two things; namely that the offence was committed without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commission of the offence.* (sottolinear ta' din il-Qorti). *Otherwise he would be answerable just as if he himself had committed the offence."*

Illi l-imputat Angelus Bartolo ma ressaq **lanqas l-icken prova li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tieghu jew li huwa ezercita d-diliġenza kollha xierqa biex jevita l-egħmil tar-reat.** Ghalhekk ma hemmx dubbju li dan ghandu jwiegeb ghan-nuqqasijiet tal-kumpanija li taghha kien l-uniku direttur.

[197] Onor. Magistrat Consuelo Scerri Herrera, Deciza 21 t'Ottubru, 2009.

L-istess jista' jinghad ghall-ibnu Etienne li jammetti quddiem din il-qorti li kien il-*manager* tal-kumpanija inkarigata mill-progett.[198] Mhux talli ma ezercitax id-diligenza kollha xierqa biex jevita l-egħmil tar-reat izda fi kliemu ***"Jien kont imur fuq is-sit u nindika fejn kellu jitqieghed il-hadid .....Biex nindika dan kont nuza l-istess pjanti u dan qed nirreferi ghall-flat slab u t-travu t-tond....Il-hadid fuq il-post, sa fejn naf jien, kont niccekjah jien u jien ghamiltu skond l-informazzjoni li dehret fil-pjanti.".***[199] B'dikjarazzjoni hekk inekwivoka mhemmx dubbju li Etienne Bartolo ghandu jinzamm responsabbli anke fil-kapacita` tieghu personali u mhux semplicement biss minhabba r-responsabbilita` vikarja tieghu.

*It-Tieni Imputazzjoni*

Dwar it-tieni akkuza migjuba fil-konfront tal-imputati Bartolo din baqghet ma gietx ppruvata.

**Osservazzjonijiet Finali**

Il-Qorti tkun qed tonqos jekk ma tirrimarkax kemm il-kaz in dezamina wera li hu impellenti li tigi identifikata dik il-persuna li tkun qed tiehu r-responsabilita` ahharija ghal kull xoghol ta' kostruzzjoni.

Ricentement gew emendati ir-***Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni (L.S.***513.06)[200] li permezz taghhom sar rekwizit

[198] Fol.1032
[199] Fol.298 tal-PV
[200] Dawn ir-Regolamenti issostitwew l-Avviz Legali 72/2013

tassattiv li kull progett ikollu uffiċjal tekniku fuq is-sit b'doveri specifici. Iktar importanti minn hekk gie definit xi jfisser "perit tal-proġett" u cioe` li dak il-perit ghandu jassumi responsabbilità tal-ezekuzzjoni tal-proġett approvat fil-permess għal-iżvilupp. L-obbligu li jkun hemm dikjarazzjoni tal-metodu li trid tigi prezentata fit-terminu stipulat ukoll hi pass fid-direzzjoni t-tajba.

Izda ghadd fadal xi jsir! Tenut kont li kull ma jmur il-progetti ta' bini qeghdin dejjem jikbru w l-kostruzzjoni taghhom titmexxa b'ritmi mghagglin, fejn il-prassi hi li jkun hemm involut aktar minn perit wiehed bi rwoli diversi, hemm il-htiega li minghajr aktar dewmien jigu introdotti regolamenti li jiddentifikaw u jiddistingwu darba ghall-dejjem bejn ir-responsabilitajiet ta' perit u iehor; bejn perit li japplika ghall-permess mal-MEPA u dak li fuqu ser taqa' r-responsabilita` ahharija ghall-ezekuzzjoni tal-progett kemm il-darba ma jkunx hemm arrangamenti specifici bejn l-istess periti li jiddilenjaw u jiddifenixxu l-irwoli u responsabilitajiet rispettivi.

Fl-incertezza jinbet il-kaos. Ghalhekk hu essenjali w imperativ li jigu promulgati regoli cari fejn qabel ma jigi approvat progett l-awtoritajiet jaghmlu l-accertamenti kollha necessarji u, safejn umanament possibbli, jizguraw rwiehom li min ikun ser jizvolgi xoghlijiet ikollu l-kompetenza rikjesta. Ma ghadx baqa' zmien fejn jibqghu jigu ttolerrati prattici ibridi li fl-ahhar mill-ahhar jimminaw il-governanza tajba.

Ikkunsidrat,

**<u>Piena</u>**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi inflita l-Qorti ddeliberat fit-tul. Il-piena ghandha tirrifletti fuq l-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir tal-imputati,

stante li jista' jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero ma tilhaqx dak l-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta personali. Il-piena m'ghandhiex isservi sabiex titpatta l-hsara li ggarbet mill-vittmi kawza tas-sinistru.

Gie kkunsidrat li kien bhala rizultat tal-imperizja u negligenza da parti tal-Perit Pierre Farrugia, ta' Etienne Bartolo u ta' Angelus Bartolo, persuna tilfet hajjitha. Giet ikkunsidrata l-fedina penali netta tal-Perit Pierre Farrugia, kif ukoll dik ta' Etienne Bartolo li ma tohloq l-ebda preokkupazzjoni ghall-Qorti.

Mhux l-istess jista' jinghad ghall-fedina penali pjuttost ikkulurita ta' Angelus Bartolo minn fejn jirrizulta li fil-11 ta' Jannar, 2007, instab hati t' omicidju involontarju li sehh fl-2003 u propju minhabba xoghol li kienet qed tizvolgi il-B&B Construction Ltd.

Madanakollu l-prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-imputati Bartolo huma recidivi w ghalhekk kull ma gie pruvat hu li dawn ma jistghux jitqiesu bhala *first-time offenders.*

Issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

> Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.
>
> Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.[201]

[201] **Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef,** Appell Kriminali, Dec. 28.11.2006.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu……

Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu; dan pero ma jfissirx necessarjament li huwa m'ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.[202]

Illi fil-kaz in ezami l-imputat m'ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;....[203] [sottolinejar tal-Qorti]

Imbghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:[204]

**8.** Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Wood** din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-kwistjoni jekk ghandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiza, u dan kemm fuq l-iskorta tal-gurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-ligi Ingliza kif kienet dak iz-zmien u precedentement,[205] kif ukoll fuq l-iskorta ta' gurisprudenza lokali[206]. Huwa car, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A,[207] li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-legi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn

---

202 **Il-Pulizija vs Antoine Cassar,** Appell Kriminali, Dec. 22.09.2009.

203 Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, Dec. 14.02.2013; Kump. Nru.711/2008

204 Per S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano, Deciza 13 ta' Novembru, 2009; Appell Kriminali Numru. 328/2009

205 Id-disposizzjonijiet taghna dwar is-sentenza ta' prigunerija sospiza huma mudellati fuq il-ligi Ingliza, ligi, li ghandu jinghad, illum tbiddlet hafna mill-mudell li fuqu bbaza ruhu l-legislatur Malti.

206 **Il-Pulizija v. Joseph Said**, App. Krim. 26/11/1992.

207 28A(2): *"Qorti ma ghandhiex titratta ma' hati permezz ta' sentenza sospiza hlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta' xi setgha li tissospendi dik is-sentenza…"* (sottolinear ta' dik il-Qorti).

sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni (bhalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), gja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bhalma wiehed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza[208] u, jekk ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati). Huwa minnu li, kif jispjega l-Professur David Thomas fil-ktieb tieghu **Principles of Sentencing**[209] *"[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must either give double weight to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered."* Din il-Qorti, fis-sentenza taghha aktar il-fuq imsemmija (ta' **Anthony Wood**) hadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi precedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiza, oltre li ghandha tkun applikata bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f'kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma jkunx opportun li tapplika l-piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b'effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b'effett immedjat).

**9.** Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x'inhi jew x'tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il-koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b'mod li l-istat ma jinkorrix f'aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x'indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi *blog* fuq l-*internet* biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant**[210]:

> **"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand**

---

208 Ara wkoll ***R. v. O'Keefe*** (1969) 2 QB 29; [1969] 1 All ER 426.

209 **Cambridge Studies in Criminology,** Heinemann (London) 1979, pp. 244-245.

210 (1974) 60 Cr. App. R. 74.

**they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."**

Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza, hi l-fehma ta' din il-Qorti li ghalkemm l-agir tal-imputati jibqa' wiehed inaccettabbli, ma hux wiehed li jimmerita piena karcerarja effettiva. Ghalkemm naqqsu serjament dan in-nuqqas kien dovut ghal serje ta' decizjonijiet zbaljati da parti taghhom u mhux ghal xi attitudini menefregista jew ghall-agir manifestament spavaldat. Madanakollu l-piena ghandha tirrifletti s-serjeta` tat-trasgressjoni taghhom. F'dan il-kaz ghalhekk il-perjodu operattiv jinhtieg li jinghata fil-massimu tieghu.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-Perit Robert Sant minn kwalunkwe htija u piena, u tillibera lill-imputati Angelus sive Angelo Bartolo u Etienne Bartolo mit-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artiklu 225(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Perit Pierre Farrugia, Angelus sive Angelo Bartolo u Etienne Bartolo hatja tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u tikkundanna lil kull wiehed minnhom ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal erba (4) snin millum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputati Perit Pierre Farrugia, Angelus sive Angelo Bartolo u Etienne Bartolo jhallsu bejniethom lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' **€13,614.63** rapprezentanti spejjez peritali.

Tordna wkoll illi jekk l-ispejjez ma jithallsux immedjatament, dawn jigu kkonvertiti f'terminu ta' prigunerija ai termini tal-ligi.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Magistrat**